I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1192/2008

tas-17 ta' Novembru 2008

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju [1] minn hawn 'il quddiem "il-Kodiċi", u b'mod partikolari l-Artikolu 247 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 [2] attwalment jistipula id-dispożizzjonijiet dwar l-Awtrozzazzjonijiet Uniċi li jinvolvu amministrazzjonijiet doganali f'iktar minn Stat Membru għall-proċeduri doganali b'impatt ekonomiku u b'użu aħħari biss.

(2) Wara li kkunsidrat l-istrateġija ta' Liżbona li timmira li lill-UE tagħmilha l-aktar ekonomija kompetittiva fid-dinja, huwa kruċjali li jinħoloq ambjent modern u simplifikat b'kundizzjonijiet għal Suq Intern reali fejn il-kompetittività kummerċjali tiżdied u fejn ikun evitat it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni bejn l-imprizi fl-Istati Membri differenti. L-Awtorizzazzjonijiet Uniċi għal proċeduri simplifikati, kif ukoll l-Awtorizzazzjoni Unika integrata, jippermettu lill-operaturi li jiċċentralizzaw u jintegraw il-kontabbiltà, il-loġistika u l-funzjonijiet tad-distribuzzjoni b'iffrankar konsegwenti fl-ispejjeż amministrattivi u tranżazzjonarji, u għalhekk għandhom ikunu simplifikazzjoni ġenwina. Huwa għalhekk xieraq li d-dispożizzjonijiet dwar l-Awtorizzazzjonijiet Uniċi jiġu estiżi għall-użu tad-dikjarazzjoni simplifikata u għall-proċedura ta' rilaxx lokali.

(3) Għalhekk, huwa xieraq li jiġu integrati d-definizzjonijiet eżistenti tal-"Awtorizzazzjoni Unika" rigward il-proċeduri doganali b'impatt ekonomiku u għal użu aħħari ma' dawk għad-dikjarazzjoni simplifikata u l-proċedura ta' rilaxx lokali, minħabba l-fatt li dawn il-proċeduri jistgħu jintużaw flimkien.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1875/2006 [3] li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 jindika d-dettalji minimi li għandhom jiġu ddikjarati skont il-proċedura ta' dikjarazzjoni simplifikata jew għandhom jiġu rreġistrati skont il-proċedura ta' rilaxx lokali. Fil-każ ta' awtorizzazzjonijiet uniċi, l-elementi minimi li għandhom jiġi ddikjarati fl-isfond tal- proċedura ta' dikjarazzjoni simplifikata għandhom ikunu d-dettalji massimi li jistgħu ikunu disponibbli lil uffiċċju doganali ta' Stat Membru ieħor.

(5) Peress li ċ-ċertifikati AEO, u partikolarment dawk għas-simplifikazzjonijiet doganali ta' sikwit ikunu magħquda mal-Awtorizzazzjonijiet Uniċi, huwa xieraq li r-regoli dwar l-għoti, is-sospensjoni u r-revoka taż-żewġ tipi ta' awtorizzazzjoni jkunu allinjati kemm jista' jkun, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar ir-reġistri li jippermettu l-verifika xierqa tal-proċedura.

[1] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.
[2] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.
[3] ĠU L 360, 19.12.2006, p. 64.

(6) It-trasportaturi, kummissarji tat-trasport jew kummissarji doganali li huma detenturi ta' ċertifikat AEO għandhom aċċess eħfef għas-sistemi doganali simplifikati kif ukoll għall-utilizzazzjoni tad-dikjarazzjoni simplifikata u tal-proċedura ta' rilaxx lokali. Għandu jiġi stipulat li r-rappreżentanti jistgħu jingħataw awtorizzazzjoni għad-dikjarazzjoni simplifikata jew għall-proċedura ta' rilaxx lokali, sakemm jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet u kriterji.

(7) Jeħtieġ li tittejjeb il-proċedura għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni tal-Awtorizzazzjonijiet Uniċi billi jitnaqqas iż-żmien li jittieħed għall-iskambju tal-informazzjoni u billi jiġu żviluppati regoli komuni biex jiġi evitat dewmien fl-għotja ta' dawn l-awtorizzazzjonijiet. Dawn ir-regoli għandhom jippermettu lill-awtoritajiet doganali biex jissorveljaw u jimmonitorjaw l-operazzjonijiet skont l-Awtorizzazzjonijiet Uniċi mingħajr arranġamenti amministrattivi sproporzjonati mal-ħtiġijiet ekonomiċi involuti.

(8) Il-kundizzjonijiet u l-kriterji għall-għoti ta' Awtorizzazzjonijiet nazzjonali, kif ukoll Uniċi, għad-dikjarazzjoni simplifikata u għall-proċedura ta' rilaxx lokali għandhom ikunu identiċi sabiex tinkiseb l-armonizzazzjoni fi ħdan is-suq uniku.

(9) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni għall-emenda, għas-sospensjoni u għar-revoka tal-awtorizzazzjonijiet għad-dikjarazzjoni simplifikata u l-proċedura ta' rilaxx lokali, biex tiġi żgurata prassi komuni fit-territorju doganali tal-Komunità.

(10) Biex jintlaħaq l-għan li jittejbu l-proċeduri tal-applikazzjoni u tal-awtorizzazzjoni, jeħtieġ l-introduzzjoni ta' komunikazzjoni elettronika u ta' sistema ta' database għall-Awtorizzazzjonijiet Uniċi, biex tintuża għall-ipproċessar tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali, kif ukoll għall-informazzjoni tal-Kummissjoni u tal-operaturi ekonomiċi. Din is-sistema għandha tkun estensjoni tas-sistema tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni pprovduta għall-għoti taċ-ċertifikati AEO.

(11) Wara perjodu ta' transizzjoni għandu jkun permess l-użu tad-dikjarazzjoni simplifikata u tal-proċedura ta' rilaxx lokali, biss lill-operaturi ekonomiċi li jressqu dikjarazzjonijiet doganali jew notifikazzjonijiet f'forma elettronika, kif meħtieġ għall-ambjent simplifikat u bla użu ta' karti.

(12) Għandu jiġi ċċarat li d-dikjarazzjoni doganali tista', bl-approvazzjoni tal-awtorità doganali jew tal-awtoritajiet involuti fl-għotja tal-awtorizzazzjoni, titressaq f'uffiċċju doganali differenti minn dak fejn tiġi ppreżentata jew tkun ser tiġi ppreżentata l-merkanzija jew fejn titqiegħed disponibbli għall-kontroll.

(13) Għal dak li jirrigwarda l-formalitajiet tat-tranżitu, sal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1875/2006, għandha tiġi -aċċettata d-dikjarazzjoni mqassra fuq il-bażi tal-messaġġ tal-"Avviż tal-Wasla Antiċipata" għandha tkun prevista meta l-formalitajiet jitwettqu bl-użu ta' teknika elettronika tal-ipproċessar.

(14) Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2454/93, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 837/2005 ([4]), li jesiġi li d-dikjarazzjoni ta' tranżitu titressaq b'metodi kompjuterizzati mill-1 ta' Ġunju 2005, l-operaturi kollha għandhom iressqu d-dikjarazzjoni ta' tranżitu tagħhom bis-sistema kompjuterizzata tat-tranżitu tad-dwana. Barra dan għandu jkun possibbli għall-vjaġġaturi li jressqu d-dikjarazzjoni ta' tranżitu bil-miktub lill-awtoritajiet doganali, li min-naħa tagħhom għandhom jiżguraw li jkun hemm skambju tad-dejta tat-tranżitu bejn l-awtoritajiet doganali bl-użu ta' teknoloġiji tal-informatika u ta' netwerks tal-kompjuters.

(15) Il-konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 li jirrigwardjaw il-proċedura komuni ta' tranżitu ([5]) kienu emendati biex jirriflettu l-obbligi li t-tressiq tad-dikjarazzjonijiet komuni tat-tranżitu fil-proċedura standard isir b'teknika elettronika tal-ipproċessar tad-dejta u d-dispożizzjonijiet paralleli tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità għandhom jiġu adattati skont dan.

(16) F'dawn iċ-ċirkostanzi, id-dispożizzjonijiet tal-implimentazzjoni tal-proċedura Komunitarja ta' tranżitu bbażati fuq is-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu bil-miktub, fosthom dawk li jikkonċernaw id-dokumenti relatati mad-dikjarazzjoni, għandhom jiġu adattati għall-obbligu li d-dikjarazzjonjiet tat-tranżitu tal-Komunità fil-proċedura standard jitressqu b'teknika elettronika tal-ipproċessar tad-dejta.

(17) Bl-eċċezzjoni tal-vjaġġaturi, l-użu tad-dikjarazzjonijiet bil-miktub u tad-dokumenti relatati għandhom jiġu ċirkoskritti għall-proċedura ta' riżerva li tippermetti lill-operaturi li jwettqu operazzjonijiet ta' tranżitu meta s-sistema kompjuterizzata tat-tranżitu tad-dwana, jew meta s-sistema kompjuterrizzata tal-konsenjatur awtorizzat jew tal-prinċipal ma taħdimx, u meta n-netwerk bejniethom u l-awtoritajiet doganali, ma jkunux disponnibbli.

(18) L-użu tat-tekniki tal-ipproċessar tad-dejta għall-operazzjonijiet TIR li jitwettqu fi ħdan it-territorju doganali tal-Komunità huwa meħtieġ sabiex jiġu żgurat skambju effiċjenti tad-dejta u l-istess livell ta' kontroll doganali li qed jopera skont il-proċedura Komunitarju/komunita' tranżitu.

(19) L-operazzjonijiet tat-TIR fit-territorju Komunitarju għandhom jiġu integrati fl-ambjent elettroniku introdott mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1875/2006, sabiex jipprovdu għat-tressiq tad-dikjarazzjonijiet ta' qabel il-wasla u ta' qabel it-tluq permezz ta' mezzi elettroniċi.

([4]) ĠU L 139, 2.6.2005, p. 1.
([5]) ĠU L 226, 13.8.1987, p. 1.

(20) L-użu tad-dejta elettronika għandu jelimina l-bżonn li tintradd lura l-parti relevanti tal-Fattura Nru 2 tal-carnet TIR fi ħdan it-territorju doganali Komunitarju kull darba li tintuża s-sistema kompjuterizzata, u b'konsegwenza għandu jonqos l-għadd ta' proċeduri ta' tiftix bla ħtieġa. Għandu jtejjeb ukoll l-effiċjenza u s-sigurtà tal-operazzjonijiet TIR hekk kif is-sistema kompjuterizzata tħaffef is-superviżjoni tagħhom u għalhekk tipprovdi benefiċċji tanġibbli kemm għall-amministrazzjonijiet doganali kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi.

(21) Huwa xieraq li jiġi stipulat li d-detentur tal-carnet TIR iressaq id-dejta tal-carnet TIR fl-uffiċċju tat-tluq jew tad-dħul permezz ta' teknika tal-ipproċessar tad-dejta. Madankollu, kwalunkwe konsegwenza legali li tqum minn diskrepanza bejn id-dejta elettronika tal-carnet TIR li titressaq u l-carnet TIR għandha tkun ibbażata fuq id-dettalji tal-carnet TIR, f'konformità mal-Konvenzjoni TIR. Il-formalitajiet li jikkonċernaw partijiet oħra li mhumiex l-awtoritajiet doganali Komunitarji għandhom jibqgħu jitwettqu abbażi tal-carnet TIR u dan jinkludi l-użu tal-carnet TIR bħala evidenza ta' garanzija internazzjonali.

(22) Dispensa mill-obbligu li titressaq id-dejta tal-carnet TIR permezz ta' teknika tal-ipproċessar tad-dejta għandha tiġi permessa biss f'każijiet eċċezzjonali, fejn is-sistema kompjuterizzata tat-tranżitu tad-dwana jew l-applikazzjoni biex tittressaq id-dikjarazzjoni ma jkunux qed jaħdmu, jew meta n-netwerk bejn dawn iż-żewġ sistemi ma tkunx qed taħdem.

(23) Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Artikolu 453(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 għandha ssir referenza għar-regola li tippermetti li jiġi stabbilit l-istatus Komunitarju tal-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura TIR.

(24) Id-dettalji dwar id-dejta li għandha tiġi pprovduta fis-sistema kompjuterizzata għad-dejta tal-carnet TIR elettroniku għandhom jiġu integrati fir-regoli u fil-kodiċi tad-dikjarazzjonijiet elettroniċi ta' tranżitu speċifikati fl-Annessi 37a u 37c.

(25) Sabiex tiġi ssimplifikata u mħaffa l-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe emendi fil-lista tal-uffiċċji ta' koordinament maħtura mill-Istati Membri għal kwalunke azzjoni li tikkonċerna ksur jew irregolaritajiet relatati mal-carnets ATA, din il-pubblikazzjoni għandha ssir permezz tas-sit tal-Internet uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(26) Ir-reviżjoni regolari tal-lista tal-merkanzija li tinvolvi riskju akbar ta' frodi waqt operazzjoni ta' tranżitu kif elenkata fl-Anness 44c għar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, li twettqet skont l-Artikolu 340a ta' dak ir-Regolament fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura mill-Istati Membri, wriet li ċerta merkanzija li tidher f'dik il-lista ma għadhiex meqjusa li tinvolvi riskju akbar ta' frodi. Huwa għalhekk xieraq li l-lista fl-Anness 44c tiġi emendata skont dan.

(27) Fl-Anness 67 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 hemm applikazzjoni u formola tal-awtorizzazzjoni komuni għal proċeduri doganali b'impatt ekonomiku u għal użu aħħari; din il-formola għandha tintuża kemm meta jkun hemm involuta amministrazzjoni doganali waħda kif ukoll meta jkun hemm aktar minn waħda. Huwa xieraq li l-użu tal-Anness 67 jiġi estiż għal każijiet fejn issir applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-użu tad-dikjarazzjoni simplifikata jew tal-proċedura ta' rilaxx lokali, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll meta jkun hemm involuti aktar minn amministrazzjoni doganali waħda.

(28) Ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 għandu jiġi emendat skont dan.

(29) Peress li l-emendi previsti fid-Deċiżjoni 1/2008 tal-Kumitat Konġunt KE-EFTA "tranżitu komuni" tas-16 ta' Ġunju 2008 li temenda l-Konvenzjoni ta' l-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura ta' tranżitu komuni japplikaw mill-1 ta' Lulju 2008 u mill-1 ta' Lulju 2009, id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu għal dan ir-Regolament għandhom japplikaw mill-istess dati.

(30) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1 għandhom jiżdiedu l-punti 13, 14 u 15 li ġejjin:

"13. *Awtorizzazzjoni Unika tfisser:*

awtorizzazzjoni li tinvolvi amministrazzjonijiet doganali f'aktar minn Stat Membru wieħed għal waħda mill-proċeduri li ġejjin:

— il-proċedura ta' dikjarazzjoni simplifikata skont l-Artikolu 76(1) tal-Kodiċi, jew

— il-proċedura ta' rilaxx lokali skont l-Artikolu 76(1) tal-Kodiċi, jew

— proċeduri doganali b'impatt ekonomiku skont l-Artikolu 84 (1)(b) tal-Kodiċi, jew

— użu aħħari skont l-Artikolu 21(1) tal-Kodiċi.

14. *Awtorizzazzjoni Integrata tfisser:*

awtorizzazzjoni biex jintużaw aktar minn proċedura waħda msemmija fil-punt 13; tista' tieħu l-forma ta' Awtorizzazzjoni Unika integrata meta huma involuti aktar minn amministrazzjoni doganali waħda.

15. *Awtorità doganali li tawtorizza tfisser:*

l-awtorità doganali li tagħti awtorizzazzjoni."

2. Fl-Artikolu 183, il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. Id-dikjarazzjoni mqassra għall-merkanzija li nġarret skont proċedura ta' tranżitu, li għaliha l-formalitajiet għandhom isiru b'tekniki elettroniċi tal-ipproċessar tad-dejta qabel jitressqu għand id-dwana, hija magħmula minn dejta tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu trażmessa lill-uffiċċju tad-destinazzjoni bl-użu tal-'Avviż tal-Wasla Antiċipata'.

Id-dikjarazzjoni mqassra għandha tieħu l-forma tal-kopja tad-dokument tat-tranżitu jew tad-Dokument li Jakkompanja t-Tranżitu fejn jkun applikat l-Artikolu 353(2)."

3. L-Artikolu 199 (1) u (2) huma sostitwitib'li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni possibbli ta' dispożizzjonijiet penali, it-tressiq ta' dikjarazzjoni ffirmata mid-dikjarant jew rappreżentant tiegħu fl-uffiċċju doganali jew ta' dikjarazzjoni ta' tranżitu mressqa bl-użu ta' tekniki elettroniċi tal-ipproċessar tad-dejta mid-dikjarant jew rappreżentant tiegħu għandha tirrendih responsabbli skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ għal:

— l-eżattezza tal-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni,

— l-awtentiċità tad-dokumenti mressqa, u

— il-konformità mal-obbligi kollha li jirrelataw mad-dħul tal-merkanzija involuta skont il-proċedura kkonċernata.

2. Meta d-dikjarant juża sistemi tal-ipproċessar tad-dejta biex jipproduċi d-dikjarazzjonijiet tad-dwana tiegħu, fosthom id-dijarazzjonijet tat-tranżitu magħmula skont l-Artikolu 353(2) punt b), l-awtoritajiet doganali jistgħu jistipulaw li l-firma bl-idejn tinbidel b'teknika oħra ta' identifikazzjoni li tista' tkun ibbażata fuq l-użu ta' kodiċijiet. Din il-faċilità għandha tingħata biss jekk il-kundizzjonijiet tekniċi u amministrattivi stipulati mill-awtoritajiet doganali jiġu osservati.

L-awtoritajiet tad-dwana jistgħu jistipulaw ukoll li dikjarazzjonijiet, fosthom id-dikjarazzjonijet tat-tranżitu magħmula skont l-Artikolu 353(2)(b), mressaq bl-użu ta' sistemi doganali tal-ipproċessar tad-dejta jistgħu jkunu awtentikati direttament b'dawk is-sistemi, minflok bl-applikazzjoni manwali jew mekkanika tat-timbru tal-uffiċċju tad-dwana u bil-firma tal-uffiċjal kompetenti."

4. Fl-Artikolu 201, għandu jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. L-awtoritajiet doganali jistgħu jippermettu li d-dikjarazzjoni doganali titressaq f'uffiċċju doganali differenti minn dak fejn hija ppreżentata jew ser tiġi ppreżentata l-merkanzija jew ser tkun disponibbli għall-kontroll, sakemm titħares waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin.

(a) l-uffiċċji tad-dwana msemmija fil-fraži introduttorja jinsabu fl-istess Stat Membru;

(b) il-merkanzija għandha titqiegħed taħt proċedura doganali, mid-detentur tal-Awtorizzazzjoni Unika, għad-dikjarazzjoni simplifikata jew għall-proċedura ta' rilaxx lokali."

5. Fl-Artikolu 202 għandu jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Id-dikjarazzjoni ta' tranżitu għandha titressaq u l-merkanzija għandha tiġi preżentata fl-uffiċċju tat-tluq matul il-jiem u s-siegħat stabbiliti mill-awtoritajiet doganali.

L-uffiċċju tat-tluq jista', fuq talba u spejjeż tal-prinċipal, jippermetti li l-merkanzija tkun preżentata fi kwalunkwe lokalità oħra."

6. L-Artikolu 203 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 203

1. Id-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għandha tiġi annotata fuqha.

2. Id-dikjarazzjoni Komunitarja ta' tranżitu għandha tiġi aċċettata u rreġistrata mill-uffiċċju tat-tluq matul il-jiem u s-siġħat stabbiliti mill-awtoritajiet doganali."

7. Fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 205(3), il-ħames u s-sitt inċiżi għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

— "l-użu tal-listi tat-tagħbija mill-persuni kkonċernati, għall-finalizzazzjoni tal-formalitajiet Komunitarj ta' tranżitu fil-każ ta' kunsinni komposti b'aktar minn tip wieħed ta' merkanzija, fejn huma applikati l-Artikoli 353(2) u 441;

— l-istampar tad-dikjarazzjonijiet tal-esportazzjoni, l-importazzjoni u t-tranżitu fejn huwa applikat l-Artikolu 353(2) u tad-dokumenti li jiċċertifikaw l-istatus Komunitarju tal-merkanzija li mhijiex qed tinġarr skont il-proċedura Komunitarja ta' tranżitu intern, permezz ta' sistemi uffiċjali jew privati tal-ipproċessar tad-dejta, jekk meħtieġ fuq karta komuni, skont kundizzjonijiet stipulati mill-Istati Membri."

8. Fl-Artikolu 208, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Meta l-proċedura Komunitarja ta' tranżitu jew il-proċedura ta' tranżitu komuni hija ppreċeduta jew segwita bi proċedura doganali oħra, selezzjoni li jkun fiha l-għadd ta' kopji meħtieġa għall-kompletazzjoni tal-formalitajiet li jirrigwardaw il-proċedura ta' tranżitu fejn huwa applikat l-Artikolu 353(2) u l-proċedura preċedenti jew segwenti, tista' tiġi ppreżentata."

9. Fl-Artikolu 215(1), it-tieni u t-tielet subparagrafi għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"Il-karta għandha tkun bajda għall-kopji kollha. Madankollu, fil-kopji użati għal tranżitu Komunitarju skont l-Artikolu 353(2), il-kaxxi 1 (l-ewwel u t-tielet subdiviżjonijiet), 2, 3, 4, 5, 6, 8, 15, 17, 18, 19, 21, 25, 27, 31, 32, 33 (l-ewwel subdiviżjoni fuq ix-xellug), 35, 38, 40, 44, 50, 51, 52, 53, 55 u 56 għandu jkollhom sfond aħdar.

Il-formuli għandhom jiġu stampati b'linka ħadra."

10. Fl-Artikolu 219, il-paragrafu 1 b'dan li ġej:

"1. Il-merkanzija li hija s-soġġett tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu għandha tiġi ppreżentata flimkien mad-dokument tat-trasport.

L-uffiċċju tat-tluq jista' jiddispensa r-rekwiżit li jiġi preżentat dan id-dokument meta l-formalitajiet doganali jitlestew, bil-kundizzjoni li d-dokument jinżamm għad-dispożizzjoni tiegħu.

Madanakollu, id-dokument tat-trasport għandu jiġi ppreżentat fuq talba tal-awtoritajiet doganali jew kull awtorità oħra kompetenti matul it-trasport."

11. Fl-Artikolu 247, għandu jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Għall-implimetazzjoni tal-proċedura Komunitarja ta' tranżitu, l-uffiċċju tat-tluq għandu jirreġistra r-riżultati tal-verifika (billi jdaħħal id-dejta korrispondenti) fid-dikjarazzjoni ta' tranżitu."

12. Fl-Artikolu 249, għandu jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Għall-implimentazzjoni tal-proċedura Komunitarja ta' tranżitu u jekk ir-riżultati tal-verifika tad-dikjarazzjoni tippermetti dan, l-uffiċċju tat-tluq għandu jawtorizza r-rilaxx tal-merkanzija u jirreġistra d-data tar-rilaxx fis-sistema kompjuterizzata."

13. Fil-Kapitolu 1, it-Titolu IX, il-Parti I, qabel l-Artikolu 253 għandha tiddaħħal l-intestatura li ġejja:

"Sezzjoni 1

Generali"

14. Fl-Artikolu 253, għandhom jiżdiedu l-paragrafi 4–8 li ġejjin:

"4. Kwalunkwe persuna tista' tapplika għall-awtorizzazzjoni tad-dikjarazzjoni simplifikata jew tal-proċedura ta' rilaxx lokali, biex tingħata lilu stess għall-użu tiegħu nnifsu jew għall-użu bħala rappreżentant, sakemm ikun hemm reġistrazzjoni u proċeduri sodisfaċenti li jippermettu li l-awtorità doganali li tawtorizza tkun tista' tidentifika l-persuni rappreżentati u twettaq il-kontrolli doganali xierqa.

Applikazzjoni bħal din tista' wkoll tirrigwarda awtorizzazzjoni integrata mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 64 tal-Kodiċi.

5. L-użu tad-dikjarazzjoni simplifikata jew tal-proċedura ta' rilaxx lokali huwa bil-kundizzjoni li tkun ipprovduta garanzija fuq id-dazji tal-importazzjoni u l-imposti l-oħra.

6. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jikkonforma mal-kundizzjonijiet u mal-kriterji stipulati f'dan il-Kapitolu u mal-obbligi li jirriżultaw mill-awtorizzazzjoni, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tad-dikjarant u għar-regoli li jirregolaw il-ħolqien ta' dejn doganali.

7. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jinforma lill-awtorità doganali li tawtorizza bl-eventi kollha li jinqalgħu wara li tingħata l-awtorizzazzjoni li jistgħu jinfluwenzaw il-kontinwazzjoni jew il-kontenut tagħha.

8. Għandha ssir eżami mill-ġdid tal-awtorizzazzjoni għad-dikjarazzjoni simplifikata jew il-proċedura ta' rilaxx lokali mill-awtorità doganali li tawtorizza f'dawn il-każijiet:

(a) tibdiliet kbar fil-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti;

(b) l-eżistenza ta' elementi li raġonevolment jippermettu li d-detentur tal-awtorizzazzjoni ma jissodisfax il-kundizzjonijiet rilevanti.

Fil-każ ta' awtorizzazzjoni tad-dikjarazzjoni simplifikata jew tal-proċedura ta' rilaxx lokali maħruġa lil applikant li ilu stabbilit inqas minn tliet snin, għandu jkun hemm kontroll mill-qrib matul l-ewwel sena wara l-ħruġ tal-awtorizzazzjoni."

15. Fl-Artikolu 253a, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"L-użu tad-dikjarazzjoni simplifikata jew tal-proċedura ta' rilaxx lokali huwa bil-kundizzjoni li jiġu ppreżentati dikjarazzjonijiet u notifikazzjonijiet doganali elettroniċi."

16. Fil-Kapitolu 1, it-Titolu IX, il-Parti I, wara l-Artikolu 253a għandha tiżdied is-Sezzjoni 2 li ġejja:

"Sezzjoni 2

Għotja, sospensjoni, revoka tal-awtorizzazzjoni ta' dikjarazzjoni simplifikata jew ta' Proċedura ta' rilaxx lokali

Artikolu 253b

1. Applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' dikjarazzjoni simplifikata jew ta' proċedura ta' rilaxx lokali għandhom isiru skont il-mudell tal-applikazzjoni stipulat fl-Anness 67 jew il-format elettroniku korrispondenti.

2. Meta l-awtorità doganali li tawtorizza tistabbilixxi li l-applikazzjoni ma jkunx fiha d-dettalji kollha rekwiżiti, l-awtorità doganali għandha, fi żmien 30 jum tal-kalendarju minn meta tirċievi l-applikazzjoni, titlob lill-applikant biex jagħtiha l-informazzjoni rilevanti, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għat-talba tagħha.

3. L-applikazzjoni ma għandhiex tiġi aċċettata jekk:

(a) ma tikkonformax mal-paragrafu 1;

(b) ma ġietx ippreżentata lill-awtoritajiet doganali kompetenti;

(c) l-applikant ikun instab ħati ta' offiża kriminali serja konnessa mal-attività ekonomika tiegħu;

(d) l-applikant ikun soġġett għal proċedura ta' falliment fiż-żmien li ppreżenta l-applikazzjoni.

4. Qabel ma tingħata l-awtorizzazzjoni għad-dikjarazzjoni simplifikata jew għall-proċedura ta' rilaxx lokali, l-awtoritajiet doganali għandhom jivverifikaw ir-reġistri tal-applikant, sakemm ma jistgħux jintużaw ir-riżultati ta' verifika preċedenti."

Artikolu 253c

1. Awtorizzazzjoni għall-proċedura ta' dikjarazzjoni simplifikata għandha tingħata sakemm il-kundizzjonijiet u l-kriterji stipulati fl-Artikolu 14h, bl-eċċezzjoni tal-punt (c) tal-paragrafu 1, fil-punti (d), (e) u (g) tal-Artikolu 14i u fl-Artikolu 14j huma sodisfatti.

Awtorizzazzjoni għall-proċedura ta' rilaxx lokali għandha tingħata sakemm il-kundizzjonijiet u l-kriterji stipulati fl-Artikolu 14h, bl-eċċezzjoni tal-punt (c) tal-paragrafu 1, fl-Artikolu 14i u fl-Artikolu 14j huma sodisfatti.

Għall-għotja tal-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-ewwel u fit-tieni subparagrafu, l-awtoritiajiet doganali għandhom japplikaw l-Artikolu 14a(2) u jużaw il-formola tal-awtorizzazzjoni li tinsab fl-Anness 67.

2. Meta l-applikant għandu ċertifikat AEO msemmi fil-punt (a) jew (c) tal-Artikolu 14a(1), il-kundizzjonijiet u l-kriterji msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jitqiesu bħala ssodisfatti.

Artikolu 253d

1. Awtorizzazzjoni għad-dikjarazzjoni simplifikata jew għall-proċedura ta' rilaxx lokali għandha tiġi sospiża mill-awtorità doganali li tawtorizza meta:

(a) jiġi osservat nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet u mal-kriterji msemmija fl-Artikolu 253c(1);

(b) l-awtoritajiet doganali għandhom raġuni biżżejjed biex jemmnu li att, li jwassal għal proċeduri fil-qorti kriminali u huwa relatat ma' ksur tar-regoli doganali, ġie mwettaq mid-detentur tal-awtorizzazzjoni jew persuna oħra msemmija fil-punti (a), (b) jew (d) tal-Artikolu 14h(1).

Madankollu, fil-każ imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-awtorità doganali li tawtorizza tista' tiddeċiedi li ma tissospendix awtorizzazzjoni għad-dikjarazzjoni simplifikata jew għall-proċedura ta' rilaxx lokali jekk tqis li l-ksur huwa wieħed ta' importanza negliġibbli, meta mqabbel mal-għadd jew id-daqs tal-operazzjonijiet b'rabta doganali, u li ma joħloqx dubji dwar ir-rieda tajba tad-detentur tal-awtorizzazzjoni.

Qabel ma tittieħed deċiżjoni, l-awtorità doganali li tawtorizza għandha tikkomunika s-sejbiet tagħha lid-detentur tal-awtorizzazzjoni. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu d-dritt jikkoreġi s-sitwazzjoni u/jew jesprimi l-fehma tiegħu fi żmien 30 jum tal-kalendarju mid-data tal-komunikazzjoni.

2. Jekk id-detentur tal-awtorizzazzjoni ma jirregolax is-sitwazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 fi żmien tletin jum tal-kalendarju, l-awtorità doganali li tawtorizza għandha tinnotifika lid-detentur tal-awtorizzazzjoni, li l-awtorizzazzjoni għad-dikjarazzjoni simplifikata jew għall-proċedura ta' rilaxx lokali hija sospiża għal perjodu ta' tletin jum tal-kalendarju sabiex tippermetti lid-detentur tal-awtorizzazzjoni jieħu l-miżuri meħtieġa biex jirregola s-sitwazzjoni.

3. Fil-każijiet imsemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-awtorità doganali li tawtorizza għandha tissospendi l-awtorizzazzjoni sat-tmiem tal-proċedimenti tal-qorti. Għandha tinnotifika lid-detentur tal-awtorizzazzjoni b'dan.

4. Meta d-detentur tal-awtorizzazzjoni ma jkunx seta' jirregola s-sitwazzjoni fi żmien tletin jum tal-kalendarju iżda jkun jista' jagħti evidenza li l-kundizzjonijiet ikunu jistgħu jintlaħqu jekk jiġi estiż il-perjodu ta' sospensjoni, l-awtorità doganali li tawtorizza għandha tissospendi l-awtorizzazzjoni għad-dikjarazzjoni simplifikata jew għall-proċedura ta' rilaxx lokali għal perjodu ulterjuri ta' 30 jum tal-kalendarju.

5. Is-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni ma għandha taffettwa l-ebda proċedura doganali li tkun diġà nbdiet qabel id-data tas-sospensjoni u tkun għadha ma tlestietx.

Artikolu 253e

1. Meta d-detentur tal-awtorizzazzjoni jkun ħa, għassodisfazzjoni tal-awtorità doganali li tawtorizza, il-miżuri meħtieġa biex jikkonforma mal-kundizzjonijiet u malkriterji li għandhom jintlaħqu fl-awtorizzazzjoni taddikjarazzjoni simplifikata jew tal-proċedura ta' rilaxx lokali, l-awtorità doganali li tawtorizza għandha tirtira s-sospensjoni u tinforma lid-detentur tal-awtorizzazzjoni. Is-sospensjoni tista' tiġi rtirata qabel l-iskadenza tal-limitu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 253d(2) jew (4).

2. Jekk id-detentur tal-awtorizzazzjoni ma jieħux il-miżuri meħtieġa matul il-perjodu ta' sospensjoni previst fl-Artikolu 253(d)(2) jew (4), għandu japplika l-Artikolu 253 g.

Artikolu 253f

1. Meta detentur ta' awtorizzazzjoni, temporanjament, ma jistax jilħaq kwalunkwe kundizzjoni u kriterju stipulati għall-awtorizzazzjoni tad-dikjarazzjoni simplifikata jew talproċedura ta' rilaxx lokali, jista' jitlob sospensjoni talawtorizzazzjoni. F'dan il-każ, id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jinnotifika lill-awtorità doganali li tawtorizza, billi jispeċifika d-data meta se jkun jista' jilħaq il-kundizzjonijiet u l-kriterji mill-ġdid. Għandu jinnotifika wkoll lillawtorità doganali li tawtorizza bi kwalunkwe miżuri ppjanati u bl-iskeda bid-dati għalihom.

2. Jekk id-detentur tal-awtorizzazzjoni jonqos milli jirregolarizza s-sitwazzjoni fil-perjodu stipulat fin-notifika tiegħu, l-awtorità doganali li tawtorizza tista' tagħti estensjoni raġonevoli, sakemm id-detentur tal-awtorizzazzjoni jkun aġixxa b'rieda tajba.

Artikolu 253g

Minħajr preġudizzju għall-Artikolu 9 tal-Kodiċi u l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, l-awtorità doganali li tawtorizza għandha tirrevoka l-awtorizzazzjoni għaddikjarazzjoni simplifikata jew għall-proċedura ta' rilaxx lokali fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta d-detentur tal-awtorizzazzjoni ma jirregolax issitwazzjoni msemmija fl-Artikoli 253d(2) u 253f(1);

(b) meta d-detentur tal-awtorizzazzjoni jew persuni oħra msemmija fil-punti (a), (b) jew (d) tal-Artikolu 14h(1) ikunu wettqu ksur serju jew repetut ta' regoli doganali, u ma jkunx baqa' dritt ieħor għal appell;

(c) fuq talba tad-detentur tal-awtorizzazzjoni.

Madankollu, fil-każ imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-awtorità doganali li tawtorizza tista' tiddeċiedi li ma tirrevokax l-awtorizzazzjoni għad-dikjarazzjoni simplifikata jew għall-proċedura ta' rilaxx lokali jekk tqis li l-ksur huwa wieħed ta' importanza negliġibbli, meta mqabbel mal-numri jew id-daqs tal-operazzjonijiet b'rabta doganali, u li l-ksur ma joħloqx dubji dwar ir-rieda tajba tad-detentur tal-awtorizzazzjoni.

17. Fil-Parti I, titolu IX, jiddaħħal il-Kapitolu 1 A li ġej:

KAPITOLU 1 A

Awtorizzazzjoni unika għad-dikjarazzjoni simplifikata jew għall-proċedura ta' rilaxx lokali

Sezzjoni 1

Proċedura għall-applikazzjoni

Artikolu 253h

1. L-applikazzjoni għal Awtorizzazzjoni Unika għaddikjarazzjoni simplifikata jew għall-proċedura ta' rilaxx lokali għandha tintbagħat lil waħda mill-awtoritajiet doganali msemmija fl-Artikolu 14d(1) u (2).

Madankollu, meta l-awtorizzazzjoni għad-dikjarazzjoni simplifikata jew għall-proċedura ta' rilaxx lokali hija mitluba fil-kuntest ta', jew wara, applikazzjoni għal Awtorizzazzjoni Unika għal użu aħħari jew għal proċedura doganali b'impatt ekonomiku, l-Artikolu 292(5) u (6) jew l-Artikoli 500 u 501 għandhom japplikaw.

2. Jekk parti mir-reġistri u mid-dokumentazzjoni rilevanti hija miżmuma fi Stat Membru ieħor barra mill-Istat Membru fejn issir l-applikazzjoni, l-applikant għandu jimla l-kaxxi 5a, 5b u 7 tal-formola tal-applikazzjoni stipulata fl-Anness 67.

3. L-applikant għandu jipprovdi punt ċentrali b'aċċessibbiltà tajba jew persuna ta' kuntatt fi ħdan l-amministrazzjoni tal-applikant fl-Istat Membru tal-applikazzjoni, sabiex jagħmel disponibbli għall-awtoritajiet doganali linformazzjoni kollha meħtieġa biex tkun ippruvata lkonformità mar-rekwiżiti għall-għotja tal-Awtorizzazzjoni Unika.

4. L-applikanti għandhom, safejn ikun possibbli, jissottomettu d-dejta meħtieġa lill-awtoritajiet doganali b'mezzi elettroniċi.

5. Sakemm tiddaħħal sistema elettronika ta' skambju bejn l-Istati Membri involuti, li hija meħtieġa għall-għanijiet talproċedura doganali relevanti, l-awtorità doganali li tawtorizza tista' tirrifjuta applikazzjonijet magħmula skont paragrafu 1 jekk l-Awtorizzazzjoni Unika tkun se toħloq piż amministrattiv sproporzjonat.

Artikolu 253i

1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni lista tal-awtoritajiet doganali msemmija fl-Artikolu 253h (1), għand min għandhom isiru l-applikazzjonijiet, u kwalunkwe tibdil sussegwenti f'din il-lista. Il-Kummissjoni għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli fuq l-Internet. Dawn l-awtoritajiet għandhom jaġixxu bħala l-awtoritajiet doganali li jawtorizzaw Awtorizzazzjonijiet Uniċi għad-dikjarazzjoni simplifikata jew għall-proċedura ta' rilaxx lokali.

2. L-Istati Membri għandhom jinnominaw uffiċċju ċentrali responsabbli għall-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u għandhom jikkomunikaw id-dettalji ta' dan l-uffiċċju lill-Kummissjoni.

Sezzjoni 2

Proċedura tal-ħruġ

Artikolu 253j

1. Meta ssir applikazzjoni għal Awtorizzazzjoni Unika għad-dikjarazzjoni simplifikata jew għall-proċedura ta' rilaxx lokali, l-awtorità doganali li tawtorizza għandha tagħmel din l-informazzjoni li ġejja disponibbli lill-awtoritajiet doganali oħrajn konċernati:

(a) l-applikazzjoni;

(b) l-abbozz tal-awtorizzazzjoni;

(c) kull informazzjoni meħtieġa għall-għotja tal-awtorizzazzjoni.

Għandha titpoġġa għad-dispożizzjoni permezz tas-sistema ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 253 m, hekk kif din is-sistema tkun disponibbli.

2. L-informazzjoni msemmija fil-punti a), b) u c) tal-paragrafu 1 għandha titpoġġa għad-dispożizzjoni mill-awtorità doganali li tawtorizza fil-limiti ta' żmien kif ġejjin:

(a) 30 jum tal-kalendarju, jekk l-applikant ikun preċedentament ingħata d-dikjarazzjoni simplifikata jew il-proċedura ta' rilaxx lokali jew iċ-ċertifikat AEO msemmija fil-punt (a) jew (c) tal-Artikolu 14a(1);

(b) 90 jum tal-kalendarju fil-każijiet l-oħra.

Meta l-awtorità doganali li tawtorizza ma tkunx tista' tosserva dawk il-limiti ta' żmien, tista testendihom bi 30 jum tal-kalendarju. F'każijiet bħal dawn, l-awtorità doganali li tawtorizza għandha, qabel ma jiskadu dawk il-limiti ta' żmien, tgħarraf lill-applikant bir-raġunijiet għall-estensjoni.

Il-limitu ta' żmien għandu jibda jgħodd mid-data li fiha l-awtorità doganali li tawtorizza tirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa msemmija fil-punti a), b) u c) tal-paragrafu 1. L-awtorità doganali li tawtorizza għandha tinforma lill-applikant li l-applikazzjoni ġiet aċċettata u bid-data minn meta dak il-limitu ta' żmien għandu jibda jgħodd.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2009, il-perjodi massimi ta' 30 jew 90 jum tal-kalendarju previsti fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 għandhom jinbidlu għal 90 jew 210 ijiem tal-kalendarju.

Artikolu 253k

1. L-awtorità doganali li tawtorizza tal-Istat Membru fejn saret l-applikazzjoni u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri l-oħra involuti fl-Awtorizzazzjoni Unika li għaliha saret l-applikazzjoni, għandhom jikkooperaw biex jistabbilixxu r-rekwiżiti tal-operat u l-irraportar, inkluż pjan ta' kontroll għas-sorveljanza tal-proċedura doganali mħaddma skont l-Awtorizzazzjoni Unika. Madankollu, l-iskambju tad-dejta għall-għanijiet ta' proċedura/i doganali bejn l-awtoritajiet doganali konċernati ma għandux ikun aktar minn dawk stipulati fl-Anness 30 A.

2. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri l-oħra konċernati mill-awtorizzazzjoni Unika li għaliha saret l-applikazzjoni, għandhom jinnotifikaw lill-awtorità doganali li tawtorizza bi kwalunkwe oġġezzjoni sa tletin jum tal-kalendarju mid-data li fiha rċievew l-abbozz tal-awtorizzazzjoni. Jekk ikun meħtieġ aktar żmien għal din in-notifika, l-awtorità doganali li tawtorizza għandha tkun infurmata kemm jista' jkun malajr u fi kwalunkwe każ f'dan il-limitu ta' żmien. Dan il-limitu ta' żmien addizzjonali ma jistax jiġi estiż b'aktar minn 30 jum tal-kalendarju. F'dan il-każ l-awtorità doganali li tawtorizza għandha tikkomunika l-estensjoni tal-limitu ta' żmien lill-applikant.

Meta jkun hemm notifika ta' oġġezzjonijiet u ma jintlaħaqx ftehim bejn l-awtoritajiet doganali f'dak il-perjodu, l-applikazzjoni għandha tiġi rrifjutata sal-limitu li għalih kienu tqajmu l-oġġezzjonijiet.

Jekk l-awtorità doganali kkonsultata ma tirrispondiex fil-limitu/i ta' żmien stipulat/i fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità doganali li tawtorizza tista' tassumi fuq ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet doganali kkonsultati, li ma jeżistux oġġezzjonijiet għall-ħruġ ta' din l-awtorizzazzjoni.

3. Qabel ma applikazzjoni tiġi rrifjutata parzjalment jew kompletament, l-awtorità doganali li tawtorizza għandha tikkomunika r-raġunijiet li fuqhom ser tibbaża d-deċiżjoni tagħha lill-applikant, li għandu jingħata l-opportunità biex jesprimi l-fehma tiegħu fi 30 jum tal-kalendarju mid-data li fiha saret il-komunikazzjoni.

Artikolu 253l

1. Meta ssir applikazzjoni għal Awtorizzazzjoni Unika minn applikant li għandu ċertifikat AEO msemmi fil-punt (a) jew (c) tal-Artikolu 14a(1), l-awtorizzazzjoni għandha tingħata meta l-iskambju meħtieġ tal-informazzjoni ikun organizzat bejn:

(a) l-applikant u l-awtorità doganali li tawtorizza;

(b) l-awtorità li tawtorizza u l-awtoritajiet doganali l-oħra konċernati mill-Awtorizzazzjoni Unika li saret l-applikazzjoni għaliha.

Fil-każijiet li l-applikant ma għandux ċertifikat AEO msemmi fil-punt (a) jew (c) tal-Artikolu 14a(1), l-awtorizzazzjoni għandha tingħata meta l-awtorità doganali li tawtorizza tkun sodisfatta li l-applikant ikun jista' jissodisfa l-kundizzjonijiet u l-kriterji għall-awtorizzazzjoni stipulati jew imsemmija fl-Artikoli 253, 253a u 253c, u meta l-iskambju meħtieġ tal-informazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu jkun organizzat.

2. L-awtorità doganali li tawtorizza għandha, wara li tirċievi il-kunsens jew l-ebda oġġezzjoni raġunata mill-awtoritajiet doganali konċernati l-oħrajn, toħroġ l-awtorizzazzjoni skont il-formola tal-awtorizzazzjoni stipulata fl-Anness 67, fi żmien 30 jum tal-kalendarju wara li jiskadu l-perjodi stipulati fl-Artikolu 253k(2) jew (3).

L-awtorità doganali li tawtorizza għandha tagħmel l-awtorizzazzjoni disponibbli għall-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri parteċipanti, permezz tal-użu tas-sistema tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 253 m ladarba din tkun disponibbli.

3. Awtorizzazzjonijiet Uniċi għad-dikjarazzjoni simplifikata u għall-proċedura ta' rilaxx lokali għandhom ikunu rikonoxxuti fl-Istati Membri kollha mniżżla fil-kaxxa 10 jew fil-kaxxa 11, jew fihom it-tnejn, tal-awtorizzazzjoni skont kif japplika.

Sezzjoni 3

Skambju tal-informazzjoni

"Artikolu 253m

1. Sistema elettronika tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, iddefinita mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet doganali bi qbil ma' xulxin, għandha tintuża, ladarba tkun disponibbli, għall-ipproċessar tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u għall-informazzjoni tal-Kummissjoni u tal-operaturi ekonomiċi. L-informazzjoni tal-operaturi ekonomiċi għandha tkun limitata għad-dejta mhux konfidenzjali ddefinita fil-punt 16, tat-Titolu II, tan-Noti ta' Spjegazzjoni tal-formola tal-applikazzjoni għall-proċeduri simplifikati stipulati fl-Anness 67.

2. Permezz tas-sistema msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet doganali għandhom jagħmlu skambju, jaħżnu u jkollhom aċċess għall-informazzjoni li ġejja:

(a) id-dejta tal-applikazzjonijiet;

(b) l-informazzjoni meħtieġa għall-proċess tal-ħruġ;

(c) l-Awtorizzazzjonijiet Uniċi maħruġa għall-proċeduri msemmija fl-Artikolu 1(13) u 1(14) u, fejn applikabbli, l-emenda, is-sospensjoni u r-revoka tagħhom;

(d) ir-riżultati ta' eżami mill-ġdid skont l-Artikolu 253(8).

3. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jinfurmaw lill-pubbliku permezz tal-Internet bil-lista ta' Awtorizzazzjonijiet Uniċi, kif ukoll bid-dejta mhux konfidenzjali stipulata fil-punt 16, tat-Titolu II, tan-Noti ta' Spjegazzjoni tal-formola tal-applikazzjoni għal proċeduri simplifikati stipulata fl-Anness 67 bi ftehim minn qabel mad-detentur tal-awtorizzazzjoni. Il-lista għandha tiġi aġġornata."

(18) Fl-Artikolu 260(1) il-kliem "Id-dikjarant" jinbidlu għal "Applikant".

(19) L-Artikolu 261 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"L-Artikolu 261

1. Awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura ta' dikjarazzjoni simplifikata għandha tingħata lill-applikant jekk il-kundizzjonijiet u l-kriterji msemmija fl-Artikoli 253, 253a u 253c jiġu sodisfatti.

2. Meta l-applikant għandu ċertifikat AEO msemmi fil-punt (a) jew (c) tal-Artikolu 14a(1), l-awtorità doganali li tawtorizza għandha tagħti l-awtorizzazzjoni *meta l-iskambju ta' informazzjoni meħtieġ ikun organizzat bejn l-applikant u l-awtorità doganali li tawtorizza*. Il-kundizzjonijiet u l-kriterji kollha msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jitqiesu li ġew sodisfatti."

(20) L-Artikolu 264 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 264

1. Awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura ta' rilaxx lokali għandha tingħata lill-applikant jekk il-kundizzjonijiet u l-kriterji msemmija fl-Artikoli 253, 253a u 253c jintlaħqu.

2. Meta l-applikant għandu ċertifikat AEO msemmi fil-punt (a) jew (c) tal-Artikolu 14a(1), l-awtorità doganali li tawtorizza għandha tagħti l-awtorizzazzjoni meta l-iskambju meħtieġ tal-informazzjoni jkun ġie organizzat bejn l-applikant u l-awtorità doganali li tawtorizza. Il-kundizzjonijiet u l-kriterji kollha msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jitqiesu li ġew sodisfatti."

(21) L-Artikolu 265 għandu jitħassar.

(22) Fl-Artikolu 269, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura ta' dikjarazzjoni simplifikata għandha tingħata lill-applikant skont il-kundizzjonijiet u l-kriterji u fil-manjiera stipulata fl-Artikoli 253, 253a u 253c u 270."

(23) L-Artikolu 270 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2, 3 u 4 jitħassru;

(b) il-paragrafu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"5. Meta l-applikant għandu ċertifikat AEO msemmi fil-punt (a) jew (c) tal-Artikolu 14a(1), l-awtorità doganali li tawtorizza għandha tagħti l-awtorizzazzjoni meta l-iskambju meħtieġ tal-informazzjoni jkun ġie organizzat bejn l-applikant u l-awtorità doganali li tawtorizza. Il-kundizzjonijiet u l-kriterji kollha msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jitqiesu li ġew sodisfatti."

(24) Fl-Artikolu 282, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura ta' dikjarazzjoni simplifikata għandha tingħata lill-applikant jekk il-kundizzjonijiet u l-kriterji msemmija fl-Artikoli 261 u 262 applikati *mutatis mutandis* jiġu sodisfatti."

(25) L-Artikolu 288 għandu jitħassar.

(26) Fl-Artikolu 291(2), għandu jitħassar il-punt (a).

(27) Fl-Artikolu 340b, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"6. 'Dokument li jakkompanja t-tranżitu': dokument stampat mis-sistema kompjuterizzata li għandu jakkompanja l-merkanzija u bbażat fuq id-dejta fid-dikjarazzjoni ta' tranżitu

7. 'Proċedura ta' riżerva': Proċedura bbażata fuq l-użu ta' dokumenti tal-karta stabbiliti biex jippermettu l-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni, il-kontroll tat-tranżitu u s-superviżjoni tal-operazzjoni tat-tranżitu, meta ma tkunx possibbli l-implimentazzjoni tal-proċedura standard b'mezzi elettroniċi."

(28) Fl-Artikolu 340, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Merkanzija mill-Komunità għandha titqiegħed taħt il-proċedura Komunitarja ta' tranżitu intern jekk tkun konsenjata:

(a) minn xi żona fit-terrirorju doganali tal-Komunità fejn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KEE japplikaw, għal xi żona fit-territorju doganali tal-Komunità fejn dawk id-dispożizzjonijiet ma japplikawx; jew

(b) minn xi żona fit-territorju doganali tal-Komunità fejn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KEE ma japplikawx, għal xi żona fit-territorju doganali tal-Komunità fejn dawk id-dispożizzjonijiet japplikaw; jew

(c) minn xi żona fit-territorju doganali tal-Komunità fejn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KEE ma japplikawx, għal xi żona fit-territorju doganali tal-Komunità fejn dawk id-dispożizzjonijiet ukoll ma japplikawx."

(29) Fl-Artikolu 342, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Meta l-garanzija tingħata min garanti f'uffiċċju tal-garanzija:

(a) 'Numru tar-Referenza tal-Garanzija' jiġi allokata lill-prinċipal għall-użu tal-garanzija u biex tidentifika kull impenn tal-garanti;

(b) kodiċi ta' aċċess assoċjat man-'Numru tar-Referenza tal-Garanzija' jiġi allokat u kkomunikat lill-prinċipal."

(30) L-Artikolu 343 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 343

Kull Stat Membru għandu jdaħħal fis-sistema kompjuterizzata l-lista tal-uffiċċji doganali kompetenti biex jamministraw l-operazzjonijiet Komunitarji ta' tranżitu, waqt li jindikaw in-numri tal-identifikazzjoni rispettivi tagħhom u d-dmirijiet u l-ġranet u l-ħinijiet meta jkunu miftuħin. Kwalunkwe tibdil f'din l-informazzjoni għandu wkoll jiddaħħal fis-sitema kompjuterizzata.

Il-Kummissjoni għandha tuża s-sistema kompjuterizzata biex tikkomunika din l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra."

(31) Jiżdied l-Artikolu 343a li ġej:

"Artikolu 343a

Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe uffiċċji ċentrali li jitwaqqfu, u dwar ir-responsibbiltajiet mogħtija lil dawn l-uffiċċji fir-rigward tal-ġestjoni u tal-monitoraġġ tal-proċedura Komunitarja ta' tranżitu u tar-riċeviment u t-trażmissjoni ta' dokumenti waqt li jindikaw x'tip ta' dokumenti huma involuti.

Il-Kummissjoni għandha tibgħat din l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra."

(32) Fil-Parti II, Titolu II, Kapitolu 4, Sezzjoni 1, jiżdied l-Artikolu 344a li ġej:

"Artikolu 344a

1. Fil-qafas tal-proċedura Komunitarja ta' tranżitu, l-formalitajiet għandhom isiru b'teknika elettronika tal-ipproċessar tad-dejta.

2. Il-messaġġi li għandhom jintużaw bejn l-amministrazzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-istruttura u mad-dettalji ddefiniti mill-awtoritajiet doganali bi ftehim bejnithom."

(33) Fl-Artikolu 345, għandu jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Fejn il-garanzija individwali tiġi provduta mill-garanti, il-kodiċi ta' aċċess assoċjat man-'Numru tar-Referenza tal-Garanzija' ma jistax jinbidel mill-prinċipal għajr meta japplika l-Anness 47a, punt 3."

(34) Fl-Artikolu 346, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Garanzija individwali provduta minn garanti għandha tkun skont il-mudell fl-Anness 49.

L-istrument tal-garanzija għandu jinżammu fl-uffiċċju tal-garanzija."

(35) L-Artikolu 347 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 347

1. Fil-każ imsemmi fl-Artikolu 345(3), il-garanzija individwali għandha tkun skont il-mudell fl-Anness 50.

L-Artikolu 346(2) għandu japplika *mutatis mutandis*.

2. Il-garanti għandu jipprovdi lill-uffiċċju tal-garanzija bid-dettalji kollha mitluba dwar il-fatturi tal-garanzija individwali li jkun ħareġ, bil-manjiera li jiddeċiedu l-awtoritajiet doganali.

L-aħħar data li fiha tista' tintuża l-fattura ma tistax tkun aktar tard minn sena wara d-data tal-ħruġ.

3. 'Numru tar-Referenza tal-Garanzija' għandu jiġi kkomunikat mill-garanti lill-prinċipal għal kull fattura ta' garanzija individwali li tkun ġiet allokata lilu. Il-kodiċi tal-aċċess assoċjat ma jistax nibidel mill-priċipal.

4. Għall-għanijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 353(2)(b) il-garanti għandu jagħti lill-prinċipal fatturi ta' garanzija individwali mniżżla fuq formola tal-karti kif muri fl-Anness 54, li tinkludi n-numru tal-identifikazzjoni.

5. Il-garanti jista' joħroġ fatturi ta' garanzija individwali li mhumiex validi, għal operazzjoni Komunitarja ta' tranżitu li tinvolvi merkanzija fil-lista ppubblikata fl-Anness 44c. F' dan il-każ, il-garanti għandu jirratifika kull fattura ta' garanzija individwali f'formola tal-karti, billi jikteb djagonalment waħda mill-frażijiet li ġejjin:

— Validità limitata – 99200.

6. Il-prinċipal għandu jressaq, fl-uffiċċju tat-tluq, l-numri ta' fatturi ta' garanzija individwali korrispondenti għall-multiplu ta' EUR 7 000 meħtieġa biex ikopru l-ammont totali msemmi fl-Artikolu 345(1). Għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 353(2)(b), il-fatturi individwali f'formola tal-karti għandhom jitwasslu u jinżammu mill-uffiċċju tat-tluq li għandu jikkomunika n-numru tal-identifikazzjoni ta' kull fattura lill-uffiċċju tal-garanzija indikat fuq il-fattura."

(36) Fl-Artikolu 348, il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. L-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru responsabbli għall-uffiċiju rilevanti tal-garanziji għandu jdaħħal fis-sistema kompjuterizzata l-informazzjoni dwar kwalunkwe revoka bħal din jew dwar il-kanċellazzjoni u d-data li fiha dawn isiru effettivi."

(37) L-Artikolu 350 għandu jitħassar.

(38) L-Artikolu 351 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 351

Fil-każ ta' konsenji li jkun fihom kemm merkanzija li għandha titqiegħed taħt il-proċedura Komunitarja ta' tranżitu estern kif ukoll merkanzija li għandha titqiegħed taħt il-proċedura Komunitarja ta' tranżitu intern, għandu jiżdied is-simbolu 'T1', 'T2' jew 'T2F' fuq id-dikjarazzjoni ta' tranżitu ta' kull oġġett fil-merkanzija."

(39) L-Artikolu 352 għandu jitħassar.

(40) L-Artikolu 353 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 353

1. Id-dikjarazzjonijiet ta' tranżitu għandhom ikunu konformi mal-istruttura u d-dettalji stipulati fl-Anness 37a.

2. L-awtoritajiet doganali għandhom jaċċettaw dikjarazzjoni ta' tranżitu bil-miktub fuq formula kif muri fl-Anness 31 skont il-proċedura definita mill-awtoritajiet doganali, bi qbil bejnithom, fil-każijiet li ġejjin:

(a) fejn il-merkanzija qegħda tinġarr minn vjaġġaturi li ma' għandhomx aċċess dirett għas-sistema kompjuterizzata tad-dwana, skont il-metodi deskritti fl-Artikolu 353a;

(b) fejn tiġi implimentata l-proċedura ta' riżerva, skont il-kundizzjonijiet u f'konformità mall-metodi definiti fl-Anness 37d.

3. L-użu ta' dikjarazzjoni ta' tranżitu bil-miktub skont il-paragrafu 2(b), meta s-sistema kompjuterizzata tal-prinċipal u/jew in-netwerk ma tkunx/ikunux disponibbli, għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet doganali.

4. Id-dikjarazzjoni ta' tranżitu tista' tiġi supplimentata b'folja ta' kontinwazzjoni jew aktar kif muri fl-Anness 33. Il-formoli għandhom jiffurmaw parti integrali mid-dikjarazzjoni.

5. Listi ta' tagħbija konformi mal-Anness 44a u mimlija skont il-mudell fl-Anness 45 jistgħu jintużaw minflok il-folji ta' kontinwazzjoni bħala l-parti deskrittiva ta' dikjarazzjoni ta' tranżitu bil-miktub, li minnhom għanhom jiffurmaw parti integrali."

(41) Fil-Parti II, Titolu II, Kapitolu 4, Sezzjoni 2, Subsezzjoni 2, jiżdied l-Artikolu 353a li ġej:

"Artikolu 353a

1. Għall-applikazzjoni tal-Artikolu 353(2)(a), il-vjaġġatur jimla d-dikjarazzjoni ta' tranżitu f'konformità mal-Artikolu 208 u mal-Anness 37.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li jkun hemm skambju tad-dejta ta' tranżitu bejn l-awtoritajiet kompetenti bl-użu ta' teknoloġija tal-informatika u n-networks tal-kompjuter."

(42) Fl-Artikolu 356, għandu jitħassar il-paragrafu 3.

(43) L-Artikolu 357 jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, merkanzija li għandha titpoġġa taħt il-proċedura Komunitarja ta' tranżitu ma għandhiex tkun rilaxxata jekk ma tkunx issiġillata. L-uffiċċju tat-tluq għandu jieħu l-miżuri ta' identifikazzjoni li jqis meħtieġa u għandu jniżżel id-dettalji rilevanti fid-dikjarazzjoni ta' tranżitu."

(b) il-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. L-uffiċċju tat-tluq jista' jgħaddi mingħajr l-issiġillar jekk, wara li jikkunsidra miżuri oħra possibbli ta' identifikazzjoni, id-deskrizzjoni tal-merkanzija fid-dejta fid-dikjarazzjoni ta' tranżitu jew id-dokumenti supplimentari jagħmlu l-merkanzija faċilment identifikabbli.

Deskrizzjoni tal-merkanzija għandha titqies li tippermetti l-identifikazzjoni tal-merkanzija meta tkun preċiża biżżejjed biex tippermetti l-identifikazzjoni faċli tal-kwantità u n-natura tal-merkanzija."

(44) L-Artikoli 358 u 359 jinbidlu b'dawn li ġejjin:

"Artikolu 358

1. Mar-rilaxx tal-merkanzija, l-uffiċċju tat-tluq għandu jitrażmetti d-dettalji tal-operazzjoni Komunitarja ta' tranżitu lill-uffiċċju tad-destinazzjoni ddikjarat b'messaġġ 'Avviż Antiċipat tal-Wasla' u lil kull lill-uffiċċju tat-tranżitu ddikjarat b'messaġġ 'Avviż Antiċipat tat-Tranżitu'. Dawn il-messaġġi għandhom ikunu bbażati fuq id-dejta derivata mid-dikjarazzjoni ta' tranżitu, emendata fejn xieraq.

2. Wara r-rilaxx tal-merkanzija, id-dokument li jakkompanja t-tranżitu għandu jakkompanja l-merkanzija li tqegħdet taħt il-proċedura Komunitarja ta' tranżitu. Id-dokument huwa bħall-mudell u d-dettalji fl-Anness 45a. Jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-operatur b'wieħed minn dawn il-modi li ġejjin:

(a) jingħata lill-prinċipal mill-uffiċċju tat-tluq, jew, fejn awtorizzat mill-awtoritajiet doganali, jiġi stampat mis-sistema kompjuterizzata tal-prinċipal.

(b) stampat mis-sistema kompjuterizzata tal-konsenjatur wara li jircievi l-messaġġ li jippermetti r-rilaxx tal-merkanzija mibgħata mill-uffiċċju tat-tluq.

3. Fejn xieraq, id-dokument li jakkompanja t-tranżitu għandu jkun supplimentat minn lista ta' oġġetti bħal mudell u n-noti fl-Anness 45b. Dik il-lista għandha tifforma parti integrali mid-dokument li jakkumpanja t-tranżitu."

"Artikolu 359

1. Il-kunsinna u d-dokument li jakkumpanju t-tranżitu għandhom jiġu ppreżentati f'kull uffiċċju ta' tranżitu.

2. L-uffiċċju tat-tranżitu għandu jirreġistra l-passaġġ fuq il-messaġġ 'Avviż Antiċipat tat-Tranżitu' riċevut mill-uffiċċju tat-tluq. Il-passaġġ għandu jiġi nnotifikat lill-uffiċċju tat-tluq bl-użu tal-messaġġ 'Avviż tal-Qsim tal-Frontiera'.

3. L-uffiċċji tat-tranżitu għandhom jispezzjonaw il-merkanzija jekk jqisu li huwa meħtieġ li jsir hekk. Kwalunkwe spezzjoni tal-merkanzija għandha titwettaq bl-użu, b'mod partikolari, tal-messaġġ l-'Avviż Antiċipat tat-Tranżitu' bħala l-bażi ta' dik l-ispezzjoni.

4. Meta merkanzija differenti minn dik iddikjarata u msemmija fid-dokument li jakkumpanja t-tranżitu tgħaddi minn uffiċċju ta' tranżitu, dak l-uffiċċju għandu jitlob il-messaġġ tal-'Avviż Antiċipat tat-Tranżitu' mill-uffiċċju tat-tluq u jinnotifika dwar il-passaġġ, bl-użu tal-messaġġ tal-'Avviż tal-Qsim tal-Frontiera', lill-uffiċċju tat-tluq."

(45) L-Artikolu 360 jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, is-sentenza tal-introduzzjoni tinbidel b'dan li ġej:

"Il-trasportatur għandu jkun meħtieġ li jniżżel fid-dokument li jakkumpanja t-tranżitu u jippreżentah flimkien mal-konsenja lill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsab il-mezz ta' trasport:"

(b) il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Fejn l-awtoritajiet doganali jqisu li l-operazzjoni Komunitarja ta' tranżitu kkonċernata tista' tkompli bil-mod normali huma għandhom jieħdu kwalunkwe passi li jistgħu jkunu meħtieġa u mbagħad japprovaw id-dokument li jakkumpanja fit-tranżitu.

Informazzjoni rilevanti li tikkonċerna t-tranżitu jew inċident ieħor għandha tiddaħħal fis-sistema kompjuterizzata mill-awtoritajiet doganali fl-uffiċċju tat-tranżitu jew fl-uffiċċju tad-destinazzjoni, skont il-każ."

(46) L-Artikoli 361, 362 u 363 jinbidlu f'dawn li ġejjin:

"Artikolu 361

1. Il-merkanzija u d-dokumenti meħtieġa għandhom jiġu ppreżentati fl-uffiċċju tad-destinazzjoni matul il-ġranet u l-ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju. Madankollu, l-uffiċċju msemmi jista', fuq talba u spejjeż tal-parti kkonċernata, jippermetti li d-dokumenti u l-merkanzija jkunu ppreżentati fi ġranet u ħinijiet differenti minn dawk tal-ftuħ. Bl-istess mod, fuq talba u spejjeż tal-parti kkonċernata, l-uffiċċju tad-destinazzjoni jista' jippermetti li l-merkanzija u d-dokumenti meħtieġa jiġu ppreżentati fi kwalunkwe lokalità oħra.

2. Fejn il-merkanzija tkun ippreżentata fl-uffiċċju tad-destinazzjoni wara li jiskadi l-limitu taż-żmien preskritt mill-uffiċċju tat-tluq u fejn dan in-nuqqas ta' konformità mal-limitu taż-żmien huwa dovut għal ċirkustanzi li jkunu spjegati għas-sudisfazzjon tal-uffiċċju tad-destinazzjoni u mhumiex attribbwibbli għall-trasportatur jew għall-prinċipal, dan tal-aħħar ikun meqjus li jkun ikkonforma mal-limitu ta' żmien preskritt.

3. L-uffiċċju tad-destinazzjoni għandu jżomm id-dokument li jakkumpanja t-tranżitu u, l-ispezzjoni tal-merkanzija għandha, b'mod partikolari, issir fuq il-bażi tal-messaġġ tal-'Avviż Antiċipat tal-Wasla', riċevut mill-uffiċċju tat-tluq.

4. Fuq talba tal-prinċipal, u biex jipprovdi prova li l-proċedura ntemmet skont l-Artikolu 366(1), l-uffiċċju tad-destinazzjoni għandu japprova d-dokument li jakkumpanja t-tranżitu bil-frażijiet li ġejjin,

— Prova alternattiva – 99202.

5. Operazz joni ta' tranżitu tista' tintemm f'uffiċċju differenti minn dak annotat fid-dikjarazzjoni ta' tranżitu. Dak l-uffiċċju għandu allura jsir l-uffiċċju tad-destinazzjoni.

Fejn l-uffiċċju l-ġdid tad-destinazzjoni jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru differenti minn dak li jkollu l-ġuriżdizzjoni fuq l-uffiċċju magħżul oriġinaljament, l-uffiċċju l-ġdid tad-destinazzjoni għandu jitlob messaġġ tal-'Avviż Antiċipat tal-Wasla' mingħand l-uffiċċju tat-tluq."

Artikolu 362

1. L-uffiċċju tad-destinazzjoni għandu japprova irċevuta fuq it-talba tal-persuna li tippreżenta l-merkanzija u d-dokumenti meħtieġa.

2. Il-formola għall-irċevuta għandha tikkonforma mad-dettalji tal-mudell fl-Anness 47.

3. L-irċevuta għandha titlesta bil-quddiem mill-persuna konċernata. Jista' jkun fiha dettalji oħra relatati mal-konsenja, għajr fl-ispazju riservat għall-uffiċċju tad-destinazzjoni. L-irċevuta ma għandiex tintuża bħala prova li l-proċedura ntemmet skont it-tifsira tal-Artikolu 366(1).

"Artikolu 363

1. L-uffiċċju tad-destinazzjoni li qed juża l-messaġġ tal-'Avviż tal-Wasla', għandu jinnotifika l-uffiċċju tat-tluq bil-wasla tal-merkanzija fil-jum li tkun ippreżentata fl-uffiċċju tad-destinazzjoni.

2. Meta l-operazzjoni ta' tranżitu tispiċċa f'uffiċċju differenti minn dak iddikjarat fil-bidu fid-dikjarazzjoni ta' tranżitu, l-uffiċċju l-ġdid tad-destinazzjoni għandu jinnotifika lill-uffiċċju tat-tluq dwar il-wasla permezz ta' messaġġ tal-'Avviż tal-Wasla'.

L-uffiċċju tat-tluq għandu jinnotifika lill-uffiċċju tad-destinazzjoni ddikjarat oriġinaljament dwar il-wasla permezz ta' messaġġ tal-'Avviż tal-Wasla Mibgħut mill-Ġdid'.

3. Il-messaġġ tal-'Avviż tal-Wasla' msemmi fil-paragrafi (1) u (2) ma għandux jintuża bħala prova li l-proċedura ntemmet għall-għanijiet tal-Artikolu 366(1).

4. Għajr fejn ġustifikat, l-uffiċċju tad-destinazzjoni għandu jibgħat il-messaġġ 'Riżultati tal-Kontroll' lill-uffiċċju tat-tluq l-iktar tard sat-tielet jum ta' wara l-jum li fih il-merkanzija tkunu ġiet ippresentata fl-uffiċċju tad-destinazzjoni. Madankollu, fejn japplika l-Artikolu 408 l-uffiċċju tad-destinazzjoni għandu jibgħat il-messaġġ 'Riżultati tal-Kontrolli' lill-uffiċċju tat-tluq sa mhux iktar tard missitt jum ta' wara il-jum li l-merkanzija tkun waslet."

(47) L-Artikolu 364 għandu jitħassar.

(48) Fis-Sezzjoni 2, il-Kapitolu 4, it-Titolu II, il-Parti II, l-intestatura tas-Sottosezzjoni 6 tinbidel b'dan li ġej:

"Proċedura ta' inkjesta"

(49) L-Artikolu 365 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 365

1. Meta l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq ma jirċievux il-messaġġ tal-'Avviż tal-Wasla' sal-limitu taż-żmien li fih il-merkanzija għandha tiġi ppreżentata fl-uffiċċju tad-destinazzjoni jew ma jirċievux il-messaġġ tar-'Riżultati tal-Kontroll' fi żmien sitt ijiem minn meta jkunu rcievew il-messaġġ tal-'Avviż tal-Wasla', dawk l-awtoritajiet għandhom iqisu jekk jibdewx il-proċedura ta' inkjesta sabiex jiksbu l-informazzjoni meħtieġa biex tintemm il-proċedura, jew fejn dan ma jkunx possibbli:

— biex jiġi stabbilit jekk kienx hemm xi dejn doganali,

— biex jiġi identifikat id-debitur, u

— biex jiġu ddeterminati l-awtoritajiet doganali responsabbli mill-irkupru.

2. Il-proċedura ta' inkjesta għandha tinbeda mhux iktar tard minn sebat ijiem wara l-iskadenza ta' wieħed mil-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 1, minbarra f'każijiet eċċezzjonali ddefiniti mill-Istati Membri bi ftehim bejnithom. Jekk l-awtoritajiet doganali jirċievu informazzjoni qabel li l-proċedura ta' tranżitu ma ntemmitx, jew jissuspettaw li dan huwa l-każ, il-proċedura ta' inkjesta għandha tinbeda minnufih.

3. Jekk l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq irċevew biss il-messaġġ tal-'Avviż tal-Wasla', għandhom jibdew il-proċedura ta' inkjesta billi jitolbu lill-uffiċċju tad-destinazzjoni li bagħat il-messaġġ 'Avviż tal-Wasla' biex jibgħat il-messaġġ 'Riżultati tal-Kontrolli'.

4. Jekk l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq ma irċevewx il-messaġġ tal-'Avviż tal-Wasla', għandhom jibdew il-proċedura ta' inkjesta billi jitolbu l-informazzjoni meħtieġa biex tintemm il-proċedura mingħand il-prinċipal jew, f'każ li fid-destinazzjoni jkun hemm biżżejjed dettalji għall-inkjesta, mill-uffiċċju tad-destinazzjon.

Il-prinċipal għandu jintalab jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex tintemm il-proċedura sa mhux aktar minn tmienja u għoxrin jum wara li tkun bdiet il-proċedura ta' inkjesta mal-uffiċċju tad-destinazzjoni meta l-operazzjoni tat-trażitu ma tkunx tista' titwettaq.

5. L-uffiċċju tad–destinazzjoni u l-prinċipal għandhom jwieġbu t-talba, imsemmija fil-paragrafu 4, fi żmien tmienja u għoxrin jum. Jekk il-prinċipal jipprovdi biżżejjed informazzjoni f'dan iż-żmien, l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq għandhom iqisu din l-informazzjoni jew għandhom itemmu l-proċedura jekk l-informazzjoni pprovduta tippermetti dan.

6. Jekk l-informazzjoni li tasal mingħand il-prinċipal mhix suffiċjenti biex tintemm il-proċedura, imma hija suffiċjenti biex tkompli l-proċedura ta' inkjesta skont l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq, għandha tintbagħat minnufih talba lill-uffiċċju doganali involut.

7. Fejn l-inkjesta tistabbilixxi li l-proċedura ta' tranżitu spiċċat kif imiss, l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq għandhom itemmu l-proċedura u jinformaw minnufih lill-prinċipal u, fejn xieraq, lil kwalunkwe awtoritajiet doganali li setgħu jkunu bdew proċedura ta' rkupru skont l-Artikoli 217 sa 232 tal-Kodiċi."

(50) Jiżdied l-Artikolu 365a li ġej:

"Artikolu 365a

1. Meta l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq, minnhawn 'il quddiem imsejħa 'l-awtoritajiet li qed jagħmlu t-talba', matul il-proċedur ta' inkjesta u qabel jiskadi l-limitu ta' żmien imsemmi fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 450a, jiksbu evidenza, bi kwalunkwe mezz, dwar il-lokalità fejn seħħu l-avvenimenti li ħolqu d-dejn doganali, u din il-lokalità tinsab fi Stat Membru ieħor, l-awtoritajiet doganali għandhom minnufuh jibagħtu l-inforamzzjoni disponobbli kollha lill-awtoritajiet responsabbli minn dik il-lokalità, minn hawn il-quddiem imsejħa 'l-awtoritajiet indirizzati'.

2. L-awtoritajiet indirizzati għandhom jikkonfermaw li rċievew il-komunikazzjoni u jindikaw jekk humiex responsabbli għall-irkupru. Jekk ma tasal l-ebda risposta fi żmien 28 jum, l-awtoritajiet li qed jagħmlu t-talba għandhom ikomplu minnufih bil-proċedura ta' inkjesta."

(51) L-Artikoli 366 u 367 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"Artikolu 366

1. Il-prova li l-proċedura ntemmet fil-limitu ta' żmien preskritt fid-dikjarazzjoni tista' tingħata mill-prinċipal, għas-sudisfazzjoni tal-awtoritajiet doganali, f'forma ta' dokument iċċertifikat mill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni li jidentifika l-merkanzija u li jistabbilixxi li din kienet ippreżentata fl-uffiċċju tad-destinazzjoni jew, fejn japplika l-Artikolu 406, lil destinatarju awtorizzat.

2. Il-proċedura Komunitarja ta' tranżitu għandha titqies li tkun intemmet ukoll meta l-prinċipal jippreżenta, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali, wieħed mid-dokumenti li ġejjin:

(a) dokument doganali maħruġ f'pajjiż terz li daħħal il-merkanzija biex tkun trattata jew użuta b'mod approvat mid-dwana;

(b) dokument maħruġ f'pajjiż terz, ittimbrat mill-awtoritajiet doganali ta' dan il-pajjiż u li jiċċertifika li l-merkanzija hija meqjusa li tista' ticċirkola liberament fil-pajjiż terz ikkonċernat.

3. Id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 2 jistgħu jinbidlu b'kopji jew b'fotokopji tagħhom, attestati bħala kopji veri mill-korp li ċċertifika d-dokumenti oriġinali, mill-awtoritajiet tal-pajjiż terz ikkonċernat jew mill-awtoritajiet ta' wieħed mill-Istati Membri.

Artikolu 367

Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-iskambju ta' messaġġi bejn l-awtoritajiet doganali bl-użu ta' teknoloġija tal-informatika u ta' netwerks tal-komputer ma għandhomx japplikaw għall-proċeduri simplifikati ta' ċerti modi ta' trasport u għall-proċeduri simplifikati l-oħra bbażati fuq l-Artikolu 97(2) tal-Kodiċi, imsemmija fl-Artikolu 372(1)(f) u (g)."

(52) L-Artikoli 368a, 369, 369a, 370 u 371 jitħassru.

(53) L-Artikolu 372 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 372*

1. Wara applikazzjoni mill-prinċipal, jew id-destinatarju, kif xieraq, l-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw is-simplifikazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-użu ta' garanzija komprensiva jew id-dispensa tal-garanzija;

(b) l-użu ta' siġilli ta' tip speċjali;

(c) l-eżenzjoni mir-rekwiżit li jintuża itinerarju preskritt;

(d) l-istatus ta' konsenjatur awtorizzat;

(e) l-istatus ta' destinatarju awtorizzat;

(f) l-applikazzjoni ta' proċeduri simplifikati speċifiċi għall-merkanzija:

(i) il-ġarr bil-ferrovija jew f'kontenitur kbir;

(ii) il-ġarr bl-ajru;

(iii) il-ġarr bil-baħar;

(iv) li jgħaddu minn pajpline;

(g) l-użu ta' proċeduri simplifikati oħra bbażati fuq l-Artikolu 97(2) tal-Kodiċi.

2. Għajr fejn previst mod ieħor f'din is-sezzjoni jew l-awtoriżazzjoni, meta tingħata l-awtorizzazzjoni biex jintużaw is-simplifikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), u (f), is-simplifikazzjonijiet għandhom japplikaw fl-Istati Membri kollha. Meta tingħata l-awtorizzazzjoni biex jintużaw is-simplifikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (b), (c), u (d), is-simplifikazzjonijiet għandhom japplikaw biss għall-operazzjonijiet Komunitarji ta' tranżitu li jibdew fl-Istat Membru fejn ingħatat l-awtoriżazzjoni. Meta tingħata l-awtorizzazzjoni biex tintuża s-simplifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (e), is-simplifikazzjoni għandha tapplika biss fl-Istat Membru fejn tkun ingħatat l-awtoriżazzjoni."

(54) Fl-Artikolu 373(1), il-punt (b) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(b) regolarment jużaw l-arranġamenti Komunitarji ta' tranżitu, jew li l-awtoritajiet doganali tagħhom jafu li jistgħu jilħqu l-obbligi skont l-arranġamenti jew, b'rabta mas-simplifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 372(1)(e), regolarment jirċievu merkanzija li ddaħħlet għall-proċedura Komunitarja ta' tranżitu, u"

(55) Fl-Artikolu 374, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex jintużaw simplifikazzjonijiet, minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-applikazzjoni', għandha tkun iddata u ffirmata. Skont il-kundizzjonijiet u l-manjiera li għandhom jiddeterminaw, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu li l-applikazzjonijiet isiru bil-miktub jew mressqa bl-użu ta' teknika elettronika tal-ipproċessar tad-dejta."

(56) Fl-Artikolu 376, il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

3. Fil-każ tas-simplifikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 372(1)(b), (c) u (f), l-awtorizazzjonijiet għandhom ikunu ppresentati kull meta jitlob hekk l-uffiċċju tat-tluq.

(57) L-Artikolu 379 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 379*

1. Il-prinċipal jista' juża garanzija komprensiva, jew dispensa mill-granzija, sa ammont ta' referenza.

2. L-ammont ta' referenza għandu jkun l-istess bħall-ammont ta' dejn doganali li jista' jsir fir-rigward tal-merkanzija li l-prinċipal iqiegħed taħt il-proċedura Komunitarja ta' tranżitu matul il-perjodu ta' minn l-inqas ġimgħa.

L-uffiċċju tal-garanzija għandu jistabbilixxi l-ammont b'kollaborazzjoni mal-parti kkonċernata abbażi ta'

(a) l-informazzjoni dwar il-merkanzija li ġarr fil-passat u l-istima tal-volum tal-operazzjonijiet Komunitarji ta' tranżitu intenzjonati kif muri, fost affarijiet oħra, mid-dokumentazzjoni u mill-kontijiet kummerċjali tiegħu.

(b) Meta jistabbilixxi l-ammont ta' referenza, għandhom jitqiesu l-ogħla rati ta' dazju u imposti applikabbli għall-merkanzija fl-Istat Membru tal-uffiċċju tal-garanzija. Merkanzija Komunitarja li tinġarr jew li ser tinġarr skont il-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu għandha tiġi trattata bħala merkanzija mhix Komunitarja.

Għandu jiġi kkalkulat l-ammont ta' dejn doganali li jista' jinħoloq għal kull operazzjoni ta' tranżitu. Meta id-dejta meħtieġa ma tkunx disponibbli l-ammont huwa preżunt li huwa ta' EUR 7 000, sa kemm informazzjoni oħra maġħrufa mill-awtoritajiet doganali ma twassalx għal figura differenti.

3. L-uffiċċju tal-garanzija għandu jirrevedi l-ammont ta' referenza, partikolarment fuq talba tal-prinċipal u jekk meħtieġ l-ammont għandu jiġi jaġġustat.

4. Kull prinċipal għandu jiżgura li l-ammont in kwistjoni ma jeċċedix l-ammont ta' referenza, waqt li jqis kwalunkwe operazzjonijiet li għalihom il-proċedura tkun għadha ma ntemmitx.

L-ammonti ta' referenza għandhom jiġu pproċessati, u jistgħu jiġu mmonitorjati, permezz tas-sistema kompjuterizzata tal-awtoritajiet doganali għal kull operazzjoni ta' tranżitu."

(58) Jiżdied l-Artikolu 380a li ġej:

"Artikolu 380a

Għal kull garanzija komprensiva u/jew dispensa mill-garanzija:

(a) 'Numru ta' Referenza tal-Garanzija' marbut ma' ammont wieħed ta' referenza għandu jiġi allokat lill-prinċipal għal użu tal-garanzija;

(b) kodiċi inizjali ta' aċċess assoċjat man-'Numru ta' Referenza tal-Garanzija' għandu jiġi allokat u kkomunikat lill-prinċipal mill-uffiċċju tal-garanzija.

Il-prinċipal jista' jassenja kodiċi jew aktar għal din il-garanzjia għal użu tiegħu jew tar-reprezentati tiegħu."

(59) L-Artikolu 382 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 382

1. Il-garanzija komprensiva għandha tiġi fornuta minn garanti.

2. Id-dokumenti tal-garanzija għandhom jikkonformaw mal-mudell fl-Anness 48. L-istrument tal-garanzija għandu jinżammu fl-uffiċċju tal-garanzija.

3. L-Artikolu 346(2) għandu japplika *mutatis mutandis."*

(60) L-Artikolu 383 jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-perjodu tal-validità taċ-ċertifikat ma għandux jaqbeż is-sentejn. Iżda, dak il-perjodu jista' jiġi estiż mill-uffiċċju tal-garanzija għal perjodu ieħor li ma jaqbiżx is-sentejn."

(b) il-paragrafu 3 għandu jitħassar.

(61) L-Artikolu 384 jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Ir-revoka ta' awtorizzazzjoni biex tintuża garanzija komprensiva jew għal dispensa mill-garanzija mill-awtoritajiet doganali, u d-data effettiva tar-revoka, mill-uffiċċju tal-garanzija, tal-aċċettazzjoni tal-impenn ta' garanti, jew id-data effettiva tal-kanċellazzjoni tal-impenn minn garanti, għandha tiddaħħal fis-sitema kompjuterizzata mill-uffiċċju tal-garanzija."

(b) il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. Mid-data effettiva tar-revoka jew tal-kanċellazzjoni, kull ċertifikat maħruġ għall-applikazzjoni tal-Artikolu 353(2)(b) ma jistax jintuża biex titpoġġa merkanzija taħt il-proċedura Komunitarja ta' tranżitu u għandu jiġi ritornat mill-prinċipal lill-uffiċċju tal-garanzija mingħajr dewmien.

Kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-mezzi li permezz tagħhom jistgħu jiġu identifikati ċ-Ċertifikati li għadhom validi u li għadhom ma ġewx irritornati, jew li ġew iddikjarati li nsterqu, li ntilfu jew li ġew iffalżifikati. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra."

(c) il-paragrafu 4 għandu jitħassar.

(62) L-Artikolu 385 għandu jitħassar.

(63) Fl-Artikolu 386, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-prinċipali għandhom idaħħlu t-tip, in-numru u l-marki tas-siġilli wżati fid-dejta tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu.

Il-prinċipali għandhom iwaħħlu s-siġilli mhux iktar tard minn meta l-merkanzja tiġi rilaxxata."

(64) Fl-Artikolu 387, il-paragrafu 2 għandu jitħassar.

(65) Fl-Artikolu 398, l-ewwel paragrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Persuni li jixtiequ jwettqu operazzjonijiet Komunitarji ta' tranżitu mingħajr ma jippreżentaw il-merkanzija u d-dikjarazzjoni korrispondenti ta' tranżitu fl-uffiċċju tat-tluq jew fi kwalunkwe lokalità oħra li jawtorizza, jistgħu jingħataw l-istatus ta' konsenjatur awtorizzat."

(66) Fl-Artikolu 399, il-punt (b) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(b) il-limitu ta' żmien disponibbli għall-awtoritajiet doganali wara li titressaq id-dikjarazzjoni ta' tranżitu mill-konsenjatur awtorizzat sabiex, jekk meħtieġ, dak l-uffiċċju jkun jista' jwettaq kwalunkwe kontrolli meħtieġa qabel ma titlaq il-merkanzija;"

(67) L-Artikolu 400 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 400*

Il-konsenjatur awtorizzat għandu jressaq dikjarazzjoni ta' tranżitu fl-uffiċċju tat-tluq. Ir-rilaxx tal-merkanzija ma jistax isseħħ qabel ma jgħaddi l-limitu ta' żmien previst fl-Artikolu 399(b)."

(68) L-Artikolu 401 għandu jitħassar.

(69) L-Artikolu 402 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 402*

Il-konsenjatur awtorizzat għandu jdaħħal fis-sistema kompjuterizzata, fejn xieraq, l-itinerarju preskritt skont l-Artikolu 355(2), il-perjodu preskritt skont l-Artikolu 356 li fih il-merkanzija għandha tiġi ppresentata fl-uffiċċju tad-destinazzjoni, kif ukoll l-numri, it-tip u l-marki tas-siġilli."

(70) L-Artikoli 403 u 404 jitħassru.

(71) L-Artikolu 406 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 406*

1. Persuni li jixtiequ jirċievu fil-lokalità tagħhom jew fi kwalunkwe lokalità oħra speċifikata merkanzija skont il-proċedura Komunitarja ta' tranżitu bla ma jippresentawhom u d-dokumnet ta' akkumpanjament fit-tranżitu fl-uffiċċju tad-destinazzjoni jistgħu jingħataw status ta' destinatarju awtorizzat.

2. Il-prinċipal għandu jkun wettaq l-obligazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 96(1)(a) tal-Kodiċi, u l-proċedura Komunitarja ta' tranżitu għandha titqies li ntemmet, meta d-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu, li akkumpanja l-konsenja, flimkien mal-merkanzija intatta, tkun twasslet fiż-żmien preskritt, lid-destinatarju awtorizzat fil-lokalità tiegħu jew fil-lokalità speċifikata fl-awtoriżazzjoni u bil-miżuri ta' identifikazzjoni osservati kif imiss.

3. Fuq talba tat-trasportatur, id-destinatarju awtorizzat għandu joħroġ l-irċevuta pprovdut fl-Artikolu 362, li għandha tapplika *mutatis mutandis*, fir-rigward ta' kull konsenja mwassla skont il-paragrafu 2."

(72) Fl-Artikolu 407, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-awtorizzazzjoni għandha tispeċifika b'mod partikolari:

(a) l-uffiċċju jew l-uffiċċji tad-destinazzjoni responsabbli għall-merkanzija riċevuta mid-destinatarju awtorizzat;

(b) meta d-destinatarju awtorizzat jirċievi, mill-uffiċċju tad-destinazzjoni u permezz tal-messaġġ 'Awtorizzazzjoni ta' Rilaxx', id-dejta rilevanti tal-messaġġ 'Avviż Antiċipat tal-Wasla' għall-finijiet tal-applikazzjoni, *mutatis mutandis*, tal-Artikolu 361(3);

(c) il-kategoriji jew iċ-ċirkolazzjoni tal-merkanzija li ġiet eskluża."

(73) L-Artikolu 408 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 408*

1. Meta l-merkanzija tasal fil-post tiegħu jew fil-lokalitajiet speċifikati fl-awtorizzazzjoni, id-destinatarju awtorizzat għandu:

(a) jinforma minnufih lill-uffiċċju tad-destinazzjoni responsabbli għall-wasla tal-merkanzija permezz tal-messaġġ 'Avviż tal-Wasla' li jkun fih kwalunkwe inċident li nqala' matul it-trasport;

(b) jistenna għall-messaġġ 'Awtorizzazzjoni għall-Ħatt' qabel jibda jħott;

(c) wara li jirċievi l-messaġġ 'Awtorizzazzjoni għall-Ħatt', jibgħat lill-uffiċċju tad-destinazzjoni, sa mhux aktar tard minn tlitt ijiem wara dak tasal il-merkanzija, il-messaġġ 'Rimarki dwar il-Ħatt' li jkun fih id-differenzi kollha, skont il-proċedura stipulata fl-awtorizzazzjoni;

(d) li jżomm għad-dispożizzjoni jew jibgħat, lill-uffiċċju tad-destinazzjoni, kopja tad-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu li jkun akkumpanja l-merkanzija skont l-arranġament previst fl-awtorizzazzjoni.

2. L-uffiċċju tad-destinazzjoni għandu jintroduċi d-dejta fil-messaġġ 'Riżultati tal-Kontroll' fis-sistema kompjuterizzata."

(74) L-Artikolu 408a għandu jitħassar.

(75) Fl-Artikolu 441(1), l-ewwel subparagrafu jinbedel b'dan li ġej:

"1. L-Artikoli 353(5) u l-punt 23 tal-Anness 37d għandhom japplikaw għal kwalunkwe lista ta' tagħbija li takkumpanja n-nota tal-konsenja CIM jew in-nota tat-trażferiment TR."

(76) Fl-Artikolu 442, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Fejn tapplika l-proċedura Komunitarja ta' tranżitu, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 412 sa 441 ma għandhomx jeskludu l-użu tal-proċeduri stipulati fl-Artikoli 344 sa 362, 367 u fil-punt 22 tal-Anness 37d, u d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 415 u 417 jew 429 u 432 għandhom japplikaw xorta waħda."

(77) L-Artikolu 450a għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 450a

Il-perjodu taż-żmien imsemmi fit-tielet inċiż tal-Artikolu 215(1) tal-Kodiċi għandu jkun ta':

— seba' xhur mill-aħħar data li fiha l-merkanzija kellha tiġi ppreżentata fl-uffiċċju tad-destinazzjoni, sakemm ma ntbagħtitx talba ta' rkupru skont l-Artikolu 365a, f'liema każ dan il-perjodu jittawwal b'massimu ta' xahar; jew

— xahar wara li jiskadi l-perjodu taż-żmien imsemmi fl-Artikolu 365(5), meta l-prinċipal ma jkunx ipprovda informazzjoni jew biżżejjed informazzjoni."

(78) Fl-Artikolu 450c, l-ewwel paragrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Meta l-proċedura ma ntemmitx, l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq għandhom, fi żmien disa' xhur mill-perjodu ta' żmien preskritt għall-preżentazzjoni tal-merkanzija fl-uffiċċju tad-destinazzjoni, jinnotifikaw lill-garanti li l-proċedura ma ntemmitx."

(79) Fl-Artikolu 450d, it-tieni paragrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Dawn l-awtoritajiet għandhom jinformaw lill-uffiċċju tat-tluq u lill-uffiċċju tal-garanzija dwar il-każijiet kollha fejn inħoloq dejn relatat mad-dikjarazzjonijiet Komunitarji ta' tranżitu li kienu ġew aċċettati mill-uffiċċju tat-tluq, u dwar l-azzjonijiet meħuda kontra d-debitur ħalli jiġu rkuprati l-flus involuti. Barra minn hekk, huma għandhom jinformaw lill-uffiċċju tat-tluq dwar il-ġbir ta' dazji u imposti oħra, sabiex l-uffiċċju jkun jista' jtemm l-operazzjoni ta' tranżitu."

(80) Fl-Artikolu 453(2), "L-Artikolu 314b" għandu jinbidel bl-"Artikolu 314".

(81) L-Artikolu 454 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"L-Artikolu 454

1. Din is-sezzjoni għandha tapplika għat-trasport ta' merkanzija koperta b'carnets TIR fi ħdan it-territorju doganali tal-Komunità.

2. Il-messaġġi msemmija f'din is-Sezzjoni għandhom jikkonformaw mal-istruttura u d-dettalji iddefiniti mill-awtoritajiet doganali bi ftehim bejnithom.

3. Id-detentur tal-carnet TIR għandu jressaq id-dejta tal-carnet TIR fl-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul permezz ta' teknika tal-ipproċessar tad-dejta skont l-istruttura u d-dettalji korrispondenti stipulati fl-Annessi 37a u 37c.

4. Mar-rilaxx tal-merkanzija tal-operazzjoni TIR, l-uffiċċju tat-tluq jew tad-dħul għandu jistampa dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu, li għandu jinżamm mal-Fattura Nru 2 u l-istess uffiċċju għandu jittrażmetti d-dejta elettronika lill-uffiċċju doganali ta' destinazzjoni jew ħruġ u li jkun ġie ddikjarat, bil-messaġġ tal-'Avviż Antiċipat tal-Wasla'.

5. Id-dettalji tal-carnet TIR għandhom jintużaw biex jiddeterminaw kwalunkwe konsegwenzi legali li jirriżultaw minn diskrepanza bejn id-dejta fil-carnet TIR elettronika u d-dettalji fil-carnet TIR.

6. L-obbligu li titressaq id-dejta fil-carnet TIR permezz ta' teknika tal-ipproċessar tad-dejta jista' jiġi dispensat biss fil-każijiet eċċezzjonali li ġejjin:

(a) is-sistema kompjuterizzata ta' tranżitu tal-awtoritajiet doganali ma tkunx qed taħdem;

(b) l-applikazzjoni biex d-dejta fil-carnet TIR titressaq permezz ta' teknika tal-ipproċessar tad-dejta ma tkunx qed taħdem;

(c) in-netwerk bejn l-applikazzjoni biex titressaq id-dejta fil-carnet TIR permezz ta' teknika tal-ipproċessar tad-dejta u l-awtoritajiet doganali ma tkunx qed taħdem.

7. Id-dispensa prevista fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 6 għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet doganali."

(82) Fl-Artikolu 454a(2) jiddaħħal il-punt (d) b'dan li ġej:

"(d) l-użu ta' teknika tal-ipproċessar tad-dejta biex jsir komunikazzjoni mal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni."

(83) L-Artikolu 454b għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 454b

1. Fir-rigward ta' merkanzija li tasal fil-post tiegħu, jew fil-lokalità speċifikata fl-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 454a, id-destinatarju awtorizzat għandu jikkonforma mal-obbligi li ġejjin, skont il-proċedura stipulata fl-awtorizzazzjoni:

(a) għandu minnufih jinforma lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni dwar il-wasla tal-merkanzija permezz tal-messaġġ tan-'Notifika tal-Wasla', li jinkludi informazzjoni dwar kwalunkwe irregolarità jew inċidenti li seħħu matul it-trasport;

(b) għandu jistenna l-messaġġ tal-'Permess għall-Ħatt' qabel iħott;

(c) għandu jdaħħal, mingħajr dewmien, ir-riżultati tal-ħatt fir-reġistri tiegħu;

(d) għandu jibgħat sa mhux aktar tard minn tlitt ijiem wara l-wasla tal-merkanzija l-messaġġ bir-'Rimarki dwar il-Ħatt' li jinkludi informazzjoni dwar kwalunkwe irregolarità jew inċident lill-uffiċċju doganali fid-destinazzjoni.

2. Id-destinatur awtorizzat għandu jiżgura li l-carnet TIR u d-dokumenti li jakkumpanjaw it-tranżitu, jiġu ppreżentati mingħajr dewmien, lill-awtoritajiet doganali fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni. Dawk l-awtoritajiet għandhom jimlew l-iskontrin Nru 2 tal-carnet TIR u għandhom jiżguraw li l-carnet TIR jingħata lura lid-detentur tal-carnet TIR jew lill-persuna li qed taġixxi f'ismu. Il-Fattura Nru 2 għandha tinżamm mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ.

3. Id-data tat-terminazzjoni tal-operazzjoni TIR għandha tkun id-data tad-dħul fir-reġistri msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1.

Madankollu, fil-każijiet fejn tkun seħħet xi irregolarità jew inċident matul it-trasport, id-data tat-terminazzjoni tal-operazzjoni TIR għandha tkun id-data tal-messaġġ tar-'Riżultati tal-Kontrolli' msemmi fl-Artikolu 455(4).

4. Fuq it-talba tad-detentur tal-carnet TIR, id-destinatarju awtorizzat għandu joħroġ irċevuta, li tiċċertifika l-wasla tal-merkanzija fil-post tad-destinatarju awtorizzat u li jkun fiha referenza għad-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu u għall-carnet TIR. L-irċevuta ma għandhiex tintuża bħala prova tat-terminazzjoni tal-operazzjoni TIR fi ħdan it-tifsira tal-punt (d) tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni TIR jew tal-Artikolu 455b.

5. L-uffiċċju tad-destinazzjoni għandu jdaħħal il-messaġġ 'Riżultati tal-Kontrolli' fis-sistema kompjuterizzata.

L-awtoritajiet doganali għandhom jibagħtu wkoll id-dejta prevista fl-Anness 10 tal-Konvenzjoni TIR.

6. Meta l-applikazzjoni tal-ipproċessar tad-dejta tad-destinatarju awtorizzat ma tkunx qed taħdem, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu metodi oħrajn għall-komunikazzjoni mal-awtoritajiet doganali fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni."

(84) Fl-Artikolu 454c, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. It-terminazzjoni tal-operazzjoni TIR, fi ħdan it-tifsira tal-punt (d) tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni TIR, għandha tkun saret meta ġew sodisfatti r-rekwiżiti tal-Artikolu 454b(1) u (2), l-ewwel sentenza."

(85) L-Artikolu 455 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 455

1. L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ għandu jimla l-iskontrin Nru 2, iżomm l-Fattura Nru 2 u d-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu u għandu juża l-messaġġ 'Avviż tal-Wasla' biex jinnotifika lill-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul dwar il-wasla tal-merkanzija fil-jum meta din tiġi preżentata fl-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul.

2. Meta l-operazzjoni TIR tiġi terminata f'uffiċċju doganali differenti minn dak iddikjarat fil-bidu fid-dikjarazzjoni ta' tranżitu, l-uffiċċju doganali il-ġdid tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ għandu jinnotifika lill-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul dwar il-wasla permezz tal-messaġġ l-'Avviż tal-Wasla'.

L-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul għandu jinnotifika lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ iddikjarat fil-bidu, dwar il-wasla, permezz tal-messaġġ tal-'Avviż tal-Wasla Mibgħut Mill-Ġdid'.

3. Il-messaġġ tal-'Avviż tal-Wasla' msemmi fil-paragrafi 1 u 2 ma jistax jintuża bħala prova li l-proċedura ġiet terminata fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 455b.

4. Għajr fejn ikun iġġustifikat, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ għandu jibgħat il-messaġġ tar-'Riżultati tal-Kontrolli' lill-uffiċċju tad-dħul jew tat-tluq sa mhux iktar tard minn tlett ijiem wara l-jum li fih tkun ġiet ppreżentata l-merkanzija fl-uffiċċju tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ. Madankollu, fejn japplika l-Artikolu 454b, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni għandu jibgħat il-messaġġ tar-'Riżultati tal-Kontroll' lill-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul sa mhux iktar tard minn sitt ijiem wara l-jum tal-wasla tal-merkanzija fil-post tad-destinatarju awtorizzat.

L-awtoritajiet doganali għandhom jibagħtu wkoll id-dejta prevista fl-Anness 10 tal-Konvenzjoni TIR.

5. Fejn japplika l-Artikolu 454(6), l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ għandhom jagħtu lura l-parti korrispondenti tal-Fattura Nru 2 tal-carnet TIR lill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq jew tad-dħul mingħajr dewmien u sa mhux iktar tard minn tmint ijiem mid-data ta' meta tkun ġiet itterminata l-operazzjoni TIR."

(86) L-Artikolu 455a għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 455a

1. Meta l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq jew tad-dħul ma jkunux irċevew il-messaġġ tal-'Avviż tal-Wasla' fiż-żmien stipulat li fih il-merkanzija trid tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ, jew ma jkunx ircevew il-messaġġ tar-'Riżultati tal-Kontrolli' fi żmien sitt ijiem wara li jkun wasal il-messaġġ tal-'Avviż tal-Wasla', dawk l-awtoritajiet għandhom iqisu jekk jibdewx il-proċedura ta' inkjesta sabiex jiksbu l-informazzjoni meħtieġa biex itemmu l-operazzjoni TIR jew, fejn dan ma jkunx possibbli:

— biex jiġi stabbilit jekk kienx hemm xi dejn doganali,

— biex jiġi identifikat id-debitur, u

— biex jiġu ddeterminati l-awtoritajiet doganali responsabbli mid-dħul fil-kontijiet.

2. Il-proċedura ta' inkjesta għandha tinbeda mhux iktar tard minn sebat ijiem wara l-iskadenza ta' wieħed mil-limiti ta' żmien imsemmija fl-ewwel paragrafu, minbarra f'każijiet eċċezzjonali ddefiniti mill-Istati Membri bi ftehim bejnithom. Jekk l-awtoritajiet doganali jirċievu informazzjoni minn qabel li l-operazzjoni TIR ma ntemmitx, jew jissuspettaw li dan huwa l-każ, għandhom jibdew il-proċedura ta' inkjesta minnufih.

3. Jekk l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq jew tal-dħul irċevew biss il-messaġġ tal-'Avviż tal-Wasla', għandhom jibdew il-proċedura ta' inkjesta billi jitolbu lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ li bagħat il-messaġġ tal-'Avviż tal-Wasla' biex jibgħat il-messaġġ tar-'Riżultati tal-Kontrolli'.

4. Jekk l-awtoritajiet doganali fl-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul ma jirċevux il-messaġġ tal-'Avviż tal-Wasla', għandhom jibdew il-proċedura ta' inkjesta billi jitolbu l-informazzjoni li jkollhom bżonn biex itemmu l-operazzjoni TIR mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ. Dan l-uffiċċju għandu jwieġeb it-talba fi żmien 28 jum.

5. Id-detentur tal-carnet TIR għandu jintalab jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex tintemm il-proċedura sa mhux aktar minn 28 jum wara li tkun bdiet il-proċedura ta' inkjesta mal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ meta l-operazzjoni TIR ma tkunx tista' tintemm. Id-detentur tal-carnet TIR għandu jwieġeb it-talba fi żmien tmienja u għoxrin jum. Fuq talba tad-detentur tal-carnet TIR, dan il-perjodu jista' jittawwal bi tmienja u għoxrin jum ieħor.

L-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq jew tal-dħul għandhom jinfurmaw ukoll lill-assoċjazzjoni garanti kkonċernata, mingħajr preġudizzju għan-notifikazzjoni li għandha ssir skont l-Artikolu 11(1) tal-Konvenzjoni TIR, u jistednuha sabiex tipprovdi evidenza li l-operazzjoni TIR intemmet.

6. Fejn japplika l-Artikolu 454(6), l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq jew tad-dħul għandhom jibdew il-proċedura ta' inkjesta msemmija fl-ewwel paragrafu kull darba li ma jirċevux evidenza li l-operazzjoni TIR ġiet itterminata fi żmien xahrejn mid-data li fiha jkun ġie aċċettat il-carnet TIR. Għal dak il-għan, dawn l-awtoritajiet jibagħtu t-talba flimkien mal-informazzjoni kollha meħtieġa lill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ. Jekk l-awtoritajiet jirċievu informazzjoni minn qabel li l-operazzjoni TIR ma ġietx itterminata, jew jissuspettaw li dan huwa l-każ, għandhom jibdew il-proċedura ta' inkjesta minnufih. Il-proċedura ta' inkjesta għandha tibda ukoll jekk sussegwentament jsir magħruf li l-evidenza tat-terminazzjoni tal-operazzjoni TIR kienet iffalsifikata u l-proċedura ta' inkjesta hija meħtieġa biex jinkisbu l-għanijiet tal-ewwel paragrafu.

Il-proċedura stipulata fil-paragrafu 5 għandha tapplika *mutatis mutandis*.

L-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ għandhom iwieġbu fi żmien tmienja u għoxrin jum.

7. Fejn proċedura ta' inkjesta tistabbilixxi li l-operazzjoni TIR ġiet itterminata kif imiss, l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq jew tad-dħul għandhom itemmu l-proċedura u għandhom jinformaw minnufih lill-assoċjazzjoni garanti u lid-dententur tal-carnet TIR u, fejn xieraq, lil kwalunkwe awtoritajiet doganali li setgħu bdew proċedura ta' rkupru skont l-Artikoli 217 sa 232 tal-Kodiċi."

(87) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 455b li ġej:

"Artikolu 455b

1. L-evidenza li l-operazzjoni TIR ġiet itterminata fil-limitu ta' żmien preskritt fil-carnet TIR, tista' tkun fornuta għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali fil-forma ta' dokument iċċertifikat mill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ u li jidentifika l-merkanzija u li jistabbilixxi li din ġiet ippreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ jew fejn japplika l-Artikolu 454a, lid-destinatarju awtorizzat.

2. L-operazzjoni TIR għandha wkoll titqies li ġiet itterminata meta d-detentur tal-carnet TIR jew l-assoċjazzjoni garanti jressqu, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali, wieħed mid-dokumenti li ġejjin li jidentifika l-merkanzija:

(a) dokument doganali maħruġ f'pajjiż terz li daħħal il-merkanzija biex tkun trattata jew użuta b'mod approvat mid-dwana;

(b) dokument maħruġ f'pajjiż terz, approvat mill-awtoritajiet doganali ta' dan il-pajjiż u li jiċċertifika li l-merkanzija hija meqjusa li tista' tiċċirkola liberament fil-pajjiż terz ikkonċernat.

3. Id-dokumenti msemmija f'punt (a) u (b) jistgħu jiġu mibdula b'kopji jew b'fotokopji tagħhom li għandhom ikunu attestati bħala kopji veri mill-korp li ċċertifika d-dokumenti oriġinali, mill-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi ikkonċernati jew mill-awtoritajiet ta' wieħed mill-Istati Membri."

(88) L-Artikolu 456 huwa emendat kif ġej:

(a) Fl-ewwel paragrafu, jiżdied is-subparagrafu b'dan li ġej:

"Il-limitu ta' żmien imsemmi fit-tielet inċiż tal-Artikolu 215(1) tal-Kodiċi Doganali għandu jkun ta' seba' xhur mill-aħħar data li fiha l-merkanzija kellha tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ."

(b) Il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-Artikoli 450b u 450d għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-proċedura ta' rkupru relatata mal-proċedura tat-TIR."

(89) L-Artikolu 457b għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 457b

1. Meta operazzjoni TIR tikkonċerna l-istess merkanzija bħal dik speċifikata fl-Artikolu 340a jew fejn l-awtoritajiet doganali jqisu meħtieġ, l-uffiċċju doganali tat-tluq jew tad-dħul jista' jippreskrivi itinerarju għall-merkanzija kkunsidrata.

2. L-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru li fih tinsab il-merkanzija għandhom ikollhom id-dettalji rilevanti fuq id-dokument li jakkumpanjaw it-tranżitu u l-iskontrin Nru 1 tal-carnet TIR f'każijiet fejn:

(a) l-itinerarju jinbidel meta ssir l-applikazzjoni mid-detentur tal-carnet TIR;

(b) it-trasportatur iddiferixxa mill-itinerarju preskritt fil-każ ta' force majeure.

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni jew tal-ħruġ għandu jdaħħal l-informazzjoni rilevanti fis-sistema kompjuterizzata.

3. Fil-każijiet imsemmija f'punt (b) tal-paragrafu 2, il-merkanzija, id-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu u l-carnet TIR għandhom jiġu ppreżentati, mingħajr dewmien, lill-eqreb awtoritajiet doganali."

(90) Fl-Artikolu 458(1), l-aħħar sentenza tat-tieni subparagrafu tinbidel b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tikkomunika din l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra permezz tal-websajt uffiċjali tal-Unjoni Ewropea."

(91) Fl-Artikolu 496, għandu jitħassar il-punt (c).

(92) Fl-Artikolu 843 għandu jitħassar it-tieni paragrafu.

(93) Fl-Anness 30 A, il-Punt 1. Fil-punt 5.1, tan-Nota 5 Proċeduri simplifikati, fin-Noti ta' Introduzzjoni għat-tabelli, titħassar il-figura "288".

(94) Fil-punt A, (c) Titolu I fl-Anness 37, l-ewwel fraži tinbidel b'dan li ġej:

"(c) fejn ir-regoli Komunitarji jipprovdu speċifikament għall-użu tagħhom, b'mod partikolari fi ħdan il-qafas il-proċedura Komunitarja ta' tranżitu għad-dikjarazzjoni ta' tranżitu għall-vjaġġaturi kif ukoll għall-proċedura ta' riżerva."

(95) Il-Punt B, tat-Titolu II, fl-Anness 37a, ("Id-dettalji dwar id-dejta tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu"), jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-Grupp tad-Dejta "OPERAZZJONI TA' TRANŻITU", it-test relatat mal-element ta' informazzjoni "Identità tal-Fruntiera li nqasmet" (kaxxa 21) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Tip/tul: an ..27

Skont l-Anness 37 l-użu ta' dan l-attribut mill-Istati Membri huwa fakultattiv"

(b) il-Grupp tad-Dejta "OĠĠETT TAL-MERKANZIJA – Kodiċi PRODOTTI SENSITTIVI" (kaxxa 31) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"KODICI PRODOTTI SENSITTIVI **(kaxxa nru 31)**

Numru: 9

Il-grupp ta' dejta għandu jintuża jekk id-dikjarazzjoni ta' tranżitu tikkonċerna l-merkanzija elenkata fl-Anness 44c.

Kodiċi Prodotti Sensittivi **(kaxxa nru 31)**

Tip/tul: n ..2

Il-kodiċi li jidher fl-Anness 37c għandu jintuża jekk il-kodiċi tal-merkanzija mhux biżżejjed biex waħdu jidentifika l-merkanzija msemmija fil-lista fl-Anness 44c.

Kwantità Sensittiva **(kaxxa nru 31)**

Tip/tul: n ..11,3

Dan l-attribut għandu jintuża meta d-dikjarazzjoni ta' tranżitu tikkonċerna merkanzija msemmija fil-lista tal-Anness 44c."

(c) il-Grupp tad-Dejta "OĠĠETT TAL-MERKANZIJA – PAKKETTI" (kaxxa nru 31) it-test tal-attributi "Marki u n-numru tal-pakketti", "Tipi ta' pakketti" u "In-numru tal-pakketti" jinbidlu b'dan li ġej:

"Marki u n-numri tal-pakketti **(kaxxa nru 31)**

Tip/tul: an ..42

L-attribut għandu jintuża jekk l-attribut '**Tip ta' Pakketti**' jinkludi kodiċi oħra li jidhru fl-Anness 37c li m'humiex dawk użati għall-kwantità (VQ, VG, VL, VY, VR jew VO) jew l-'Oġġetti Mhux Ippakkjati' (NE, NF, NG). Huwa fakultattiv jekk l-attribut '**Tip ta' Pakketti**' jinkludi wieħed mill-kodiċi msemmija hawn fuq.

Tip ta' pakketti **(kaxxa nru 31)**

Tip/tul: a2

Għandhom jintużaw il-kodiċi tal-pakketti elenkati fil-Kaxxa 31 tal-Anness 38.

In-numru tal-pakketti **(kaxxa nru 31)**

Tip/tul: n ..5

L-attribut għandu jintuża jekk l-attribut 'Tip ta' Pakketti' jinkludi kodiċi oħra li jidhru fl-Anness 37c li m'humiex dawk użati għall-kwantità (VQ, VG, VL, VY, VR jew VO) jew għall-'Oġġetti Mhux Ippakkjati' (NE, NF, NG). Ma jistax jintuża jekk l-attribut 'Tip ta' Pakketti' jinkludi wieħed mill-kodiċi msemmija hawn fuq.'

(d) fil-Grupp tad-Dejta 'Dokumenti/Ċertifikati ppreżentati tal-Oġġetti tal-Merkanzija' (kaxxa 44) it-test taħt 'Numru: 99 għandu jinbidel b'dan li ġej:

Għandu jintuża l-grupp tad-dejta għall-messaġġi TIR. F'każijiet oħra, għandu jintuża skont l-Anness 37. Jekk jintuża l-grupp tad-dejta, għandu jintuża tal-inqas wieħed mill-attribwiti li ġejjin."

(96) Fl-Anness 37c, jiżdiedu dawn il-punti 9 u 10 li ġejjin:

"9. Għall-attribut 'Tip ta' Dikjarazzjoni' (kaxxa 1): għad-dikjarazzjonijiet TIR, uża l-kodiċi 'TIR'.

10. Għall-attribut 'Tip ta' garanzija' (kaxxa 52): għal messaġġi TIR, uża l-kodiċi 'B'."

(97) Jiżdied l-Anness 37d, li t-test tiegħu jidher fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(98) L-Anness 38 hu emendat skond l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(99) Il-punt 1 tat-Titolu I fl-Anness 44a għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Definizzjoni

1.1. Il-lista ta' tagħbija hija dokument bil-karatteristiċi deskritti f'dan l-Anness.

1.2. Din tista' tintuża flimkien mad-dikjarazzjoni ta' tranżitu fil-qafas tal-applikazzjoni tal-Artikolu 353(2)."

(100) L-Anness 44b huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt 3.1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3.1. Il-formoli għandhom ikunu stampati fuq karta reżistenti biżżejjed sabiex, bl-użu normali, ma titqattax jew titkemmex faċilment. Il-karta għandha tkun bajda."

(b) il-punt 4.3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4.3. Il-formoli għandhom juru l-isem u l-indirizz tal-istampatur, jew marka li biha jista' jiġi identifikat, u numru ta' identifikazzjoni."

(101) L-Anness 44c għandu jinbidel bit-test stipulat fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

(102) L-Anness 45a huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Kapitolu I, il-kopja B tal-mudell tad-"Dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu", titħassar.

(b) Il-Kapitolu II għandu jinbidel bl-Anness IV għal dan ir-Regolament.

(103) L-Anness 45b, għandu jiġi emendat skont l-Anness V għal dan ir-Regolament.

(104) Fl-Anness 46b, it-tieni kolonna tat-tabella hija emendata kif ġej:

(a) Il-kumment għall-kriterju 1 "Esperjenza suffiċjenti" għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Prova ta' esperjenza suffiċjenti hija pprovduta bl-użu korrett u regolari tal-proċedura Komunitarja ta' tranżitu, fil-kapaċità ta' prinċipal, matul wieħed mill-perjodi li ġejjin, qabel ma ssir it-talba għal tnaqqis:

— sitt xhur għall-applikazzjoni tal-Artikoliu 380(2)(a) u tal-Artikolu 381(1),

— sena għall-applikazzjoni tal-Artikolu 380(2)(b), u tal-Artikolu 381(2)(a),

— sentejn għall-applikazzjoni tal-Artikolu 380(3), u tal-Artikolu 381(2)(b)".

(b) Il-kumment tal-kriterju 2 "Livell għoli ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali" għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-prinċipal jilħaq livell għoli ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali meta, fil-ġestjoni tal-operazzjonijiet tiegħu, idaħħal miżuri speċifiċi li jagħmluha aktar faċli għall-awtoritajiet biex iwettqu l-kontrolli u jħarsu l-interessi involuti.

Sakemm jissodisfaw l-awtoritajiet doganali, dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu, fost l-oħrajn:

— metodi partikolari kif jipprepara id-dikjarazzjoni ta' tranżitu; jew

— il-kontenut ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, meta l-prinċipal jipprovdi informazzjoni addizzjonali fejn dan mhux mandatarju; jew

— metodi kif iwettaq il-formalitajiet ta' tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura (pereżempju l-prinċipal dejjem ippreżenta d-dikjarazzjonijiet tiegħu fl-istess uffiċċju doganali)."

(105) L-Anness 47a huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. *Sitwazzjonijiet fejn l-użu tal-garanzija komprensiva għal ammont imnaqqas jew tal-garanzija komprensiva jista'jkun temporanjament projbit*"

1.1. Projbizzjoni temporanja tal-użu tal-garanzija komprensiva għal ammont imnaqqas

Iċ-"ċirkostanzi partikolari", msemmija fl-Artikolu 94(6) tal-Kodiċi jfissru sitwazzjoni fejn ġie stabbilit, f'għadd sinifikanti ta' każijiet li jinvolvu aktar minn prinċipal wieħed u li jipperikolaw il-ħidma tajba tal-proċedura, minkejja l-applikazzjoni tal-Artikolu 384 u tal-Artikolu 9 tal-Kodiċi, il-garanzija komprensiva għal ammont imnaqqas imsemmija fl-Artikolu 94(4) tal-Kodiċi ma għadhiex biżżejjed biex tiżgura l-ħlas, fil-perjodu taż-żmien stipulat, tad-djun li oriġinaw meta kwalunkwe merkanzija msemmija fil-lista tal-Anness 44c, titneħħa mill-proċedura Komunitarja ta' tranżitu.

1.2. *Projbizzjoni temporanja tal-użu ta' garanzija komprensiva*

Il-"frodi fuq skala kbira" msemmija fl-Artikolu 94(7) tfisser sitwazzjoni fejn ikun stabbilit li, minkejja l-applikazzjoni tal-Artikolu 384, tal-Artikolu 9 tal-Kodiċi u, fejn xieraq, tal-Artikolu 94(6) tal-Kodiċi, il-garanzija komprensiva msemmija fl-Artikolu 94(2)(b) tal-Kodiċi ma għadhiex iktar biżżejjed biex tiżgura l-ħlas, fil-perjodu taż-żmien stipulat, tad-djun li oriġinaw meta kwalunkwe merkanzija msemmija fil-lista tal-Anness 44c, titneħħa mill-proċedura Komunitarja ta' tranżitu. F'din il-konnessjoni jrid jingħata każ tal-volum tal-merkanzija mneħħija u taċ-ċirkustanzi tat-tneħħija tagħhom, partikolarment jekk dawn jirriżultaw minn attivitajiet kriminali organizzati internazzjonalment.

(b) il-punt 2.2 tal-punt 2 għandu jitħassar;

(c) it-tieni inċiż tal-punt 3 għandu jitħassar;

(d) il-punt 4.3 tal-punt 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4.3. Meta l-awtoritajiet kompetenti jagħtu deroga, huma għandhom jniżżlu l-fraži li ġejja fil-kaxxa 8 taċ-ċertifikat ta' garanzija komprensiva:

— UŻU MHUX LIMITAT – 99209."

(106) Il-punt 1.2.1 tal-Anness 51b,.għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1.2.1. Fejn garanzija komprensiva ma tistax tintuża għax il-merkanzija mhix msemmija fil-lista tal-Anness 44c, għandu jitniżżel dan li ġej fil-kaxxa 8 taċ-ċertifikat:

— Validità limitata – 99200."

(107) L-Anness 67 – Formoli ta' Applikazzjoni u Awtorizzazzjoni – huwa emendat kif ġej:

(a) Fit-tieni linja tal-intestatura, bejn il-kelma "Artikoli" u "292", jiddaħħlu n-numri "253b", "253c", "253h" u "253l";

(b) Wara r-Rimarki Ġenerali u qabel il-formola "Applikazzjoni għal Awtorizzazzjoni għall-użu ta' proċedura doganali b'impatt ekonomiku/użu aħħari", jiddaħħlu l-formoli u n-Noti ta' Spjegazzjoni stipulati fl-Anness VII għal dan ir-Regolament;

(c) Wara l-formola "Awtorizzazzjoni għall-użu ta' formola ta' kontinwazzjoni, għall-ipproċessar 'il barra", l-intestatura "Noti ta' Spjegazzjoni" hija sostitwita kif ġej:

"NOTI TA' SPJEGAZZJONI GĦALL-FORMOLA TA' PROĊEDURI DOGANALI B'IMPATT EKONOMIKU U GĦAL UŻU AĦĦARI".

Artikolu 2

Sa l-1 ta' Jannar 2012 l-awtoritajiet doganali għandhom, skont l-Artikolu 253(8) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, jeżaminaw mill-ġdid l-awtorizzazzjonijiet għall-finijiet ta' dikjarazzjonijiet simplifikati jew tal-proċedura ta' rilaxx mogħtija qabel id-data ffissata fl-Artikolu 3(3)u joħorġu awtorizzazzjonijiet ġodda skont ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 kif emendat minn dan ir-Regolament.

Artikolu 3

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ sebat ijiem wara l-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Il-punti 2, 3, 5 sa 12, 27 sa 48, 51 sa 76, 92, 94, 95(a); (b) u (c), u l-punti 97 sa 100 u 102 sa 106 għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2008.

3. Il-Punti 1, 4, 13, 14, 16 sa 24, 26, 80 sa 85, 87, 89, 90, 91, 95(d), 96, 101 u 107 tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2009.

4. Il-punti 49, 50, 77, 78, 79 u 86 u 88 tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2009.

5. Il-Punti 15, 25 u 93 tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2011.

6. Il-punt 2 tal-Artikolu 1 japplika sat-30 ta' Ġunju 2009.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Novembru 2008.

Għall-Kummissjoni

László KOVÁCS

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

"ANNESS 37D

(skont l-Artikolu 353(2)(b))

PARTI I

PROĊEDURA TA' RIŻERVA

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Dan l-Anness jistipula dispożizzjonijiet speċifiċi għall-użu tal-proċedura ta' riżerva, skont l-Artikolu 353(2), fil-każijiet li ġejjin:

   (a) għall-vjaġġaturi:

      — meta s-sistema kompjuterizzata ta' l-awtoritajiet doganali ma tkunx qed taħdem;

   (b) għall-prinċipali, inklużi l-konsenjaturi awtorizzati:

      — meta s-sistema kompjuterizzata ta' l-awtoritajiet doganali ma tkunx qed taħdem, jew

      — meta s-sistema kompjuterizzata tal-prinċipal ma tkunx qed taħdem; jew

      — meta n-netwerk bejn il-prinċipal u l-awtoritajiet doganali ma tkunx qed taħdem.

2. Il-Parti I, Titolu VII, VIII u l-Parti II, Titolu II, Kapitolu 4, Sezzjonijiet 1, 2 u 3, Subsezzjoni 1 sa 7 japplikaw għall-proċedura ta' riżerva sakemm mhux iddikjarat mod ieħor fil-punti 3 sa 31 tal-Anness preżenti.

3. Dikjarazzjonijiet ta' tranżitu:

3.1. Id-dikjarazzjoni ta' tranżitu użata għall-proċedura ta' riżerva għandha tkun tingħaraf mill-partijiet kollha involuti fl-operazzjoni ta' tranżitu ħalli jiġu evitati problemi fl-uffiċċju/i ta' tranżitu u fl-uffiċċju tad-destinazzjoni. Għal din ir-raġuni d-dokumentazzjoni użata hija limitati għal dawn li ġejjin:

   — L-użu ta' Dokument Amministrattiv Uniku (SAD),

   — L-użu tas-SAD stampat fuq karta normali mis-sistema ta' l-kummerċjant kif stipulat fl-Anness 37, jew

   — Is-SAD jista' jkun issostitwit bit-taqsim tad-Dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu (TAD) bil-qbil tal-awtoritajiet doganali meta l-bżonnijiet tal-kummerċjant jitqiesu li huma ġġustifikati mill-awtoritajiet doganali.

3.2. Għall-implimetazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-punt 3.1, (it-tielet inċiż) ta' dan l-Anness it-TAD għandu jimtela f'konformità mal-Annessi 37 u 45a.

3.3. Meta d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness jirreferu għal kopji tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu li jakkumpanjaw il-konsenja, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għat-TAD.

KAPITOLU II

Regoli ta' l-implimentazzjoni

4. Is-sistema kompjuterizzata ta' l-awtoritajiet doganali ma tkunx disponibbli

4.1. Il-regoli għandhom jiġu implimentati kif ġej, irrispettivament mid-dokument użat:

   — id-dikjarazzjoni ta' tranżitu għandha timtela' u ppreżentata lill-uffiċċju tat-tluq fi tliet kopji skont l-Anness 37 għas-SAD u stabbilita skont l-Annessi 37 u 45a għat-TAD,

— id-dikjarazzjoni ta' tranżitu għandha tiġi rreġistrata fil-kaxxa C bl-użu ta' sistema ta' numerazzjoni differenti minn dik użata fis-sistema kompjuterizzata,

— il-proċedura ta' riżerva għandha tiġi indikata fuq il-kopji tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu bit-timbru, li jikkomforma mal-mudell f' Parti II ta' dan l-Anness, fil-kaxxa A tad-Dokument Amministrattiv Uniku (SAD) jew minflok l-MRN u l-bar code fuq it-TAD,

— meta tintuża l-proċedura simplifikata, l-kummerċjant għandu jissodisfa l-obbligi u l-kundizzjonijiet kollha li jikkonċernaw l-annotazzjonijiet li għandhom jitniżżlu fid-dikjarazzjoni u juża t-timbru speċjali (il-punti 26–29), u juża l-kaxxi D u C rispettivament,

— id-dokument għandu jiġi ttimbrat jew mill-uffiċċju tat-tluq f'każ tal-proċedura standard jew mill-konsenjatur awtorizzat meta tintuża l-proċedura simplifikata,

— meta jintuża t-taqsim tat-TAD, l-ebda bar code jew Numru ta' Referenza tat-Trasport (MRN) ma għandu jidher fuq id-dikjarazzjoni.

4.2. Meta tittieħed deċiżjoni biex tintuża l-proċedura ta' riżerva, għandha tiġi mħassra kull dikjarazzjoni li ddaħħlet fis-sistema kompjuterizzata, iżda li ma ġietx ipproċessata minħabba li s-sistema kellha xi ħsara. Il-kummerċjant jeħtieġlu jipprovdi informazzjoni lill-awtoritajiet doganali kull darba li titressaq dikjarazzjoni fis-sistema iżda min hemm 'il quddiem għandha tintuża l-proċedura ta' riżerva fir-rigward ta' dik id-dikjarazzjoni.

4.3. L-awtorità doganali għandha timmonitorja l-użu tal-proċedura ta' riżerva sabiex jiġi evitat l-abbuż tagħha.

5. Meta s-sistema u/jew in-netwerk bejn talprinċipali ma tkunx disponibbli.

— Id-dispożizzjonijiet deskritti fil-punt 4 japplikaw ħlief għad-dispożizzjonijiet tal-proċedura simplifikata.

— Il-prinċipal għandu javża lill-awtoritajiet doganali meta s-sistema kompjuterizzata u/jew in-netwerk tiegħu tkunu disponibbli mill-ġdid.

6. Is-sistema kumpjuterizzata u/jew in-netwerk tal-konsenjatur awtorizzat ma tkunx disponibbli.

Meta s-sistema komputerizzata u/jew in-netwerk tal-konsenjatur awtorizzat ma tkunx/jkunux disponibbli, tapplika l-proċedura li ġejja:

— Id-dispożizzjonijiet stipulati fil-punt 4 għandhom japplikaw;

— Il-konsenjatur awtorizzat għandu javża lill-awtoritajiet doganali meta s-sistema kompjuterizzata u/jew in-netwerk tiegħu jerġgħu jkunu disponibbli;

— F'dawn iċ-ċirkustanzi jew fil-każ ta' defiċjenzi tan-netwerk, meta konsenjatur awtorizzat jagħmel aktar minn 2 % tad-dikjarazzjonijiet annwali tiegħu bil-proċedura ta' riżerva, għandha ssir reviżjoni ta' l-awtorizzazzjoni sabiex issir evalwazzjoni jekk il-kundizzjonijiet għadhomx jintlaħqu.

7. Ġbir tad-dejta mill-Awtoritajiet Nazzjonali.

Madankollu, fiż-żewġ każijiet ta' hawn fuq (5 u 6), l-awtoritajiet doganali nazzjonali jistgħu jippermettu lill-operaturi ekonomiċi li jippreżentaw id-dikjarazzjoni ta' tranżitu b'kopja waħda (bl-użu tas-SAD jew, fejn relevanti, tat-taqsim tat-TAD) lill-uffiċċju tat-tluq ħalli tiġi pproċessata mis-sistema kompjuterizzata tad-dwana.

KAPITOLU III

Tħaddim tal-proċedura

8. Il-merkanzija li tqegħdet taħt il-proċedura Komunitarja ta' tranżitu għandha tingħarr taħt il-kopertura tal-Kopji Nru 4 u Nru 5 tas-SAD jew taħt il-kopertura tat-TAD mogħtija lill-prinċipal mill-uffiċċju tat-tluq.

9. Il-forniment ta' garanzija individwali minn garanti.

Meta l-uffiċċju tal-garanzija mhux l-istess uffiċċju tat-tluq, l-uffiċċju tal-garanzija għandu jżomm kopja ta' l-istrument li tipprovi prova li kien aċċetta l-impenn tal-garanti. Il-prinċipal għandu jippreżenta l-oriġinali lill-uffiċċju tat-tluq, fejn din għandha tinżamm. Jekk meħtieġ l-uffiċċju jista' jitlob traduzzjoni għal-lingwa uffiċjali, jew għal waħda mil-lingwi uffiċjali tal-pajjiż ikkonċernat.

10. Konsenji mħallta.

Fil-każ ta' konsenji li jinkludu kemm merkanzija li għandha tinġarr skont il-proċedura T1 kif ukoll merkanzija li għandha tinġarr skont il-proċedura T2, id-dikjarazzjoni ta' tranżitu bis-simbolu 'T' għandha tiġi supplementata minn:

— formoli supplementari bis-simbolu 'T1bis', 'T2bis' jew 'T2Fabis', kif xieraq; jew

— listi ta' tagħbija bis-simbolu 'T1', 'T2' or 'T2F', kif xieraq.

11. Il-preżunzjoni tal-proċedura T1.

Meta s-simbolu 'T1', 'T2' jew 'T2F' ma tqiegħedx fis-subdiviżjoni tal-lemin tal-kaxxa 1 tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu jew meta, fil-każ ta' konsenji li jinkludu kemm merkanzija li qed tinġarr skont il-proċedura T1 u merkanzija li qed tinġarr skont il-proċedura T2, id-dispożizzjonijiet tal-punt 10 ta' hawn fuq ma ġewx osservati, il-merkanzija jitqies li qed tinġarr skont il-proċedura T1.

12. Firma tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu u l-impenn tal-prinċipal.

Il-firma tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu mill-prinċipal torbtu bir-responsabbiltà li josserva d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 199(1).

13. Miżuri ta' identifikazzjoni.

Meta l-Artikolu 357(4) jiġi applikat, l-uffiċċju tat-tluq għandu iniżżel l-fraži li ġejja mas-'siġilli mwaħħlin' bl-intestatura fil-kaxxa 'D Kontroll mill-uffiċċju tat-tluq' tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu:

— Dispensa – 99201

14. Annotazzjonijiet fid-dikjarazzjoni ta' tranżitu u r-rilaxx tal-merkanzija.

— L-uffiċċju tat-tluq għandu jirreġistra r-riżultati tal-verifika fuq kull kopja tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu.

— Jekk ir-riżultati tal-verifika konsistenti mad-dikjarazzjoni l-uffiċċju tat-tluq għandu jirrilaxxa l-merkanzija u jirreġistra d-data fuq il-kopji tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu.

15. Uffiċċju ta' tranżitu.

15.1. It-trasportatur għandu jippreżenta avviż ta' tranżitu magħmul fuq formola li tikkorrispondi għall-mudell fl-Anness 46 lil kull uffiċċju ta' tranżitu, liema uffiċċji għandhom iżommu din il kopja.

15.2. Meta l-merkanzija tgħaddi minn uffiċċju ta' tranżitu li m'huwiex dak imniżżel fil-Kopji Nru 4 u Nru 5 tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu, dan l-uffiċċju

— għandu jibgħat l-avviż ta' tranżitu, mingħajr dewmien, lill-uffiċċju ta' tranżitu li kien magħżul oriġinarjament, jew

— javża lill-uffiċċju tat-tluq fil-każijiet u skont il-proċedura ddefiniti mill-awtoritajiet doganali bi ftehim bejnithom.

16. Preżentazzjoni fl-uffiċċju tad-destinazzjoni.

16.1. L-uffiċċju tad-destinazzjoni għandu jirreġistra l-Kopji Nru 4 u Nru 5 tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu, jannota fuqhom id-data tal-wasla u jniżżel id-dettalji tal-kontrolli li twettqu.

16.2. Operazzjoni ta' tranżitu tista' tintemm f'uffiċċju differenti minn dak annotat fid-dikjarazzjoni ta' tranżitu. Dak l-uffiċċju għandu allura jsir l-uffiċċju tad-destinazzjoni.

Meta l-uffiċċju l-ġdid tad-destinazzjoni jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru differenti minn dak li jkollu l-ġurisdizzjoni fuq l-uffiċċju magħżul oriġinarjament, l-uffiċċju l-ġdid tad-destinazzjoni għandu jdaħħal fil-kaxxa 'I. Kontroll mill-uffiċċju tal-wasla' tal-Kopja Nru 5 tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu din l-approvazzjoni flimkien mal-kummenti normali li jeħtieġlu jagħmel:

— Differenzi: l-uffiċċju fejn ġiet ippreżentata l-merkanzija ..... (isem u pajjiż) – 99203

16.3. Meta japplika t-tieni inċiż tal-punt 16(2) u jekk id-dikjarazzjoni ta' tranżitu jkollha mniżżel id-dikjarazzjoni li ġejja, l-uffiċċju tad-destinazzjoni l-ġdid għandu jżomm il-merkanzija taħt il-kontroll tiegħu u ma jippermettix il-ħruġ tagħha ħlief jekk mhux biex tinġarr lejn l-Istat Membru li għandu l-ġurisdizzjoni fuq l-uffiċċju tat-tluq, sakemm ma jkunx speċifikament awtorizzat minn dan ta' l-aħħar:

— Ħruġ mill-Komunità suġġett għall-restrizzjonijiet jew imposti skont ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni Nru... – 99204

17. Irċevuta.

L-irċevuta tista' ssir fuq wara tal-Kopja Nru 5 tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu tas-SAD, fl-ispazju pprovdut.

18. Ritorn tal-Kopja Nru 5.

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni għandhom jirritornaw il-kopja Nru 5 tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru tat-tluq mingħajr dewmien u l-aktar f'żmien tmint ijiem mid-data tat-tmiem tal-proċedura. Meta jintuża t-TAD, tiġi ritornata l-kopja tat-TAD ippreżentata, skont l-istess kundizzjonijiet tal-Kopja Nru 5.

19. Jiġi informat il-prinċipal u prova alternattiva tat-tmiem tal-proċedura.

Jekk il-Kopja Nru 5 tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu ma jiġix ritornat lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru tat-tluq fi żmien xahar mil-limitu ta' żmien għal preżentazzjoni tal-merkanzija fl-uffiċċju tad-destinazzjoni, dawn l-awtoritajiet għandhom javżaw lill-prinċipal u jitolbuh iforni prova li l-proċedura ntemmet.

20. Proċedura ta' inkjesta.

20.1. Meta l-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru tat-tluq ma jirċievux prova, fi żmien xahrejn mil-limitu ta' żmien għal preżentazzjoni tal-merkanzija fl-uffiċċju tad-destinazzjoni, li l-proċedura ntemmet, huma għandhom jibdew minnufih proċedura ta' inkjesta biex jiġbru l-informazzjoni meħtieġa għar-rilaxx tal-proċedura, jew, fejn dan m'huwiex possibbli, biex:

— jistabbilixxu jekk inħoloqx dejn doganali;

— jidentifikaw id-debitur;

— jiddeterminaw l-awtoritajiet doganali responsabbli mill-irkupru.

20.2. Jekk l-awtoritajiet doganali jirċievu informazzjoni qabel li l-proċedura tat-tranżitu ma ntemmitx, jew jissuspettaw li dan huwa l-każ, għandhom jibdew il-proċedura ta' inkjesta minnufih.

20.3. Il-proċedura ta' inkjesta għandha wkoll tinbeda meta jirriżulta aposteriori li l-prova tat-tmiem tal-proċedura ta' tranżitu ġiet iffalsifikata u li l-proċedura ta' inkjesta hija meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-għanijiet tal-punt 20.1.

21. Garanzija – Ammont ta' referenza.

21.1. Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni tal-Artikolu 379(1), il-prinċipal jagħmel kalkolu ta' l-ammont ta' dejn li jista' jinħoloq għal kull operazzjoni ta' tranżitu u għandu jiżgura li l-ammonti impenjati ma jkunux aktar mill-ammont ta' referenza, wara li jkun ikkunsidra wkoll l-operazzjonijiet li tkun għadha ma ntemmitx il-proċedura tagħhom.

21.2. Il-prinċipal għandu javża lill-uffiċċju tal-garanzija meta l-ammont ta' referenza ma jkunx biżżejjed biex ikopri l-operazzjonijiet tiegħu ta' tranżitu Komunitarju.

22. Ċertifikati ta' garanzija komprensiva u ċertifikati ta' dispensa mill-garanzija.

Fuq il-bażi tal-awtorizzazzjoni, skont l-Artikolu 372(1)(a): Iċ-ċertifikati ta' garanzija komprensiva u ċ-ċertifikati ta' dispensa mill-garanzija maħruġa mill-awtoritajiet doganali għandhom jiġu ppreżentati fl-uffiċċju tat-tluq. Id-dettalji taċ-ċertifikati għandhom jiddaħħlu fid-dikjarazzjonijiet ta' tranżitu.

23. Listi speċjali ta' tagħbija.

23.1. L-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw lill-prinċipal li jkun qiegħed jissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali elenkati fl-Artikolu 373 biex juża listi ta' tagħbija li ma jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha tal-Annessi 44 a, 44bu 45.

L-użu ta' dawn il-listi għandu jiġi awtorizzat biss meta:

— dawn jiġu prodotti minn impriżi li jużaw sistema integrata ta' pproċessar elettroniku jew awtomatiku tad-dejta biex iżommu r-reġistri tagħhom;

— dawn huma maħsuba u kompluti b'mod li jkunu jistgħu jintużaw mill-awtoritajiet doganali mingħajr diffikulta;

— Jinkludu, għal kull oġġett, l-informazzjoni meħtieġa skont l-Anness 44a.

23.2. Jista' jiġi wkoll awtorizzat, l-użu ta' listi ta' tagħbija mfassla għall-finijiet tat-twettiq tad-dettalji ta' dispaċċ/esportazzjoni bħala listi ta' tagħbija skont il-punt 23.1, anke fejn dawn il-listi huma prodotti minn impriżi li ma jużawx sistema integrata ta' pproċessar elettroniku jew awtomatiku tad-dejta biex iżommu r-reġistri.

23.3. L-impriżi li jużaw sistema integrata ta' pproċessar elettroniku jew awtomatiku tad-dejta biex iżommu r-reġistril u huma diġà awtorizzati, skont 23.1 u 23.2, biex jużaw listi ta' tip speċjali, jistgħu jiġu wkoll awtorizzati biex jużaw dawn il-listi għall-operazzjonijiet Komunitarji ta' tranżitu li jinvolvu tip wieħed ta' merkanzija, sakemm din il-faċilità issir meħtieġa mill-programmi kompjuterizzati ta' l-impriżi kkonċernati.

24. L-użu ta' siġilli ta' tip speċjali.

Il-prinċipal għandu jannota, faċċata tal-intestatura 'Siġilli Mwaħħlin' fil-kaxxa 'D. Kontroll mill-uffiċċju tat-tluq' tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu, l-għamla, it-tip u n-numru tas-siġilli mwaħħlin.

25. Eżenzjoni mill-itinerarju preskritt.

Id-detenturi ta' dawn l-eżenzjoni għandhom iniżżlu din li fraži li ġejja fil-kaxxa ta' attribut korrispondenti 44 tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu:

— Dispensa mill-itinerarju preskritt – 99205

26. Konsenjatur awtorizzat – Awtentikazzjoni bil-quddiem u formalitajiet tat-tluq.

26.1. Għall-applikazzjoni tal-punti 4 u 6, l-awtorizzazzjoni għandha tistipula li l-kaxxa 'C. Uffiċċju tat-tluq' tal-formoli tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu għandhom:

— Ikunu ttimbrati minn qabel bit-timbru ta' l-uffiċċju tat-tluq u bil-firma ta' l-uffiċjal ta' dak l-uffiċċju; jew

— ikunu ttimbrati mill-konsenjatur awtorizzat b'timbru speċjali tal-metall approvat mill-awtoritajiet kompetenti u konformi mal-mudell fl-Anness 62. Dan it-timbru jista' jiġi ttimbrat minn qabel fuq il-formoli sakemm l-istampar ikun fdat għand stampatur approvat għal dan il-għan.

Il-konsenjatur awtorizzat għandu jimla l-kaxxa billi jannota d-data tal-konsenja tal-merkanzija u għandu jalloka numru lid-dikjarazzjoni ta' tranżitu skont ir-regoli stipulati fl-awtorizzazzjoni.

26.2. L-awtoritajiet doganali jistgħu jippreskrivu l-użu ta' formoli li jkollhom fuqhom marka distintiva bħala mezz ta' identifikazzjoni.

27. Konsenjatur awtorizzat – Miżuri ta' sigurtà għat-timbru.

27.1. Il-konsenjatur awtorizzat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura l-ħarsien tat-timbri speċjali u/jew tal-formoli li jkollhom fuqhom it-timbru ta' l-uffiċċju tat-tluq jew timbru speċjali.

Huwa għandu javża lill-awtoritajiet doganali bil-miżuri ta' sigurtà li qed jieħu sabiex japplika s-subparagrafu preċedenti.

27.2. F'każ ta' abbuż, minn kwalunkwe persuna, tal-formoli ttimbrati bil-quddiem bit-timbru tal-uffiċċju tat-tluq jew bit-timbru speċjali, il-konsenjatur awtorizzat għandu jkun responsabbli, mingħajr preġudizzju għal kull proċedura kriminali, għall-ħlas ta' dazji u imposti oħra pagabbli f'pajjiż partikolari fir-rigward tal-merkanzija ttrasportata skont il-kopertura ta' dawn il-formoli, sakemm ma jistax jissodisfa lill-awtoritajiet doganali li kienu awtorizzawh li huwa ħa l-miżuri meħtieġ minnu skont il-punt 27.1.

28. Konsenjatur awtorizzat – Informazzjoni li għandha tiġi annotata fid-dikjarazzjonijiet.

28.1. Sa mhux aktar tard mill-konsinja tal-merkanzija, il-konsenjatur awtorizzat għandu jimla d-dikjarazzjoni ta' tranżitu u, fejn meħtieġ, iniżżel fil-kaxxa 44 l-itinerarju preskritt skont l-Artikolu 355(2) u, fil-kaxxa 'D. Kontroll mill-uffiċċju tat-tluq', il-perjodu taż-żmien preskritt skont l-Artikolu 356 li fih il-merkanzija għandha tiġi ppreżentata fl-uffiċċju tad-destinazzjoni, il-miżuri ta' identifikazzjoni applikati u din l-approvazzjoni li ġejja:

— Konsenjatur awtorizzat – 99206.

28.2. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tat-tluq jikkontrollaw konsenja qabel ma titlaq, għandhom jirreġistraw il-fatt fid-dikjarazzjoni, fil-kaxxa 'D. Kontroll mill-uffiċċju tat-tluq'.

28.3. Wara l-konsenja, il-Kopja Nru 1 tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu għandha tintbagħat minnufih lill-uffiċċju tat-tluq. L-awtoritajiet doganali jistgħu jistipulaw fl-awtorizzazzjoni li l-Kopja Nru 1 tintbagħat lill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tat-tluq hekk kif tintemm id-dikjarazzjoni ta' tranżitu. Il-kopji l-oħra għandhom jakkumpanjaw il-merkanzija skont il-punt 8 ta' dan l-Anness.

29. Konsenjatur awtorizzat – Dispensa mill-firma.

29.1. Il-konsenjatur awtorizzat jista' jiġi awtorizzat li ma jiffirmax id-dikjarazzjonijiet ta' tranżitu li jkollhom it-timbru speċjali msemmi fl-Anness 62 li huma magħmula permezz ta' sistema integrata ta' pproċessar elettroniku jew awtomatiku tad-dejta. Din id-dispensa għandha tiġi soġġetta għall-kundizzjoni li l-konsenjatur awtorizzat ikun ta minn qabel, lill-awtoritajiet doganali, impenn bil-miktub li fih jirrikonoxxi li huwa l-prinċipal ta' l-operazzjonijiet kollha ta' tranżitu mwettqa taħt il-kopertura tad-dikjarazzjonijiet ta' tranżitu bit-timbru speċjali.

29.2. Id-dikjarazzjonijiet ta' tranżitu magħmula skont il-punt 29.1 għandhom ikun fihom, fil-kaxxa rriservata għall-firma tal-prinċipal, il-frażi li ġejja:

— Firma dispensata – 99207.

30. Destinatarju awtorizzat – Obbligi.

30.1. Meta l-merkanzija taslu fil-post tiegħu jew fil-lokalitijiet speċifikati fl-awtorizzazzjoni, id-destinatarju awtorizzat għandu, mingħajr dewmien, jibgħat lill-uffiċċju tad-destinazzjoni t-TAD jew il-Kopji Nru 4 u Nru 5 tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu li akkumpanjat il-merkanzija, li turi d-data tal-wasla, l-istat ta' kwalunkwe siġill imwaħħal u kwalunkwe irregolarità.

30.2. L-uffiċċju tad-destinazzjoni għandu jniżżel l-annotazzjonijiet previsti fil-punt 16 ta' dan l-Anness, fl-imsemmija kopji tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu.

